Diċembru 2005 • Vol 12 • Nru.4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

DOMINE DIRIGE NOS




## Fil-Paġni ta' ġewwa


- Il-Parteċipazzjoni tal-Pulizija Maltija f'missjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea
- Żieda fil-Korp tal-Pulizija
- Intervista - Ir-Raba' Distrett

u aktar...


Newspaper Post

**Our success has been driven by a central principle: to be at the cutting edge of technological, organisational and commercial change**

# Partners for success

PolidanoGroup

Hal Farrug Road • L/O Luqa LQA 05 • Malta • Tel: +356 2124 4241 • Fax: +356 2124 4200
www.polidano-group.com



**In our pursuit of excellence, quality and efficiency, we believe in and strive towards:**

Creating lasting synergies with our employees and business partners

Understanding our clients' needs and delivering a product and service which satisfies them

Making European and internationally-accepted standards the only measures of our performance

Diversifying our operations and identifying new business ventures that respond to market forces

Diċembru 2005 • Vol 12 • Nru.4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp


4 Messaġġ mill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

4 Messaġġ mill-Kummissarju tal-Pulizija s-sur John Rizzo

5 Messaġġ mis-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern

7 MPA

11 Il-Parteċipazzjoni tal-Pulizija Maltija f'missjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea

12 Il-Ħajja ta' Student ġewwa l-Universita' ta' Malta!

15 Għoti ta' ċertifikati ta' Mertu

17 2nd Valletta Military Tattoo 2005

21 Apprezzamenti

23 Messaġġ miċ-Chaplain tal-Korp

24 Zieda fil-Korp tal-Pulizija

29 Ir-raba' Distrett

36 Drinn Drinn 6

38 Tagħlim u taħrig fil-Korp

43 Il-Parteċipazzjoni tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija ġewwa Sqallija

47 Servizzi mogħtija mill-Pulizija lill-vittmi tal-kriminalita' f'Malta'

51 Kompetizzjoni ta' Sparar

52 The Schengen Acquis

57 International Police Association

60 Għaqda Pulizija Pensjonanti

62 Il-Membri tal-Korp li mietu


Membri tal-Board Editorjali: **Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri

**Membri:** Insp Kenneth Haber

Ps 772 Dennis Agius

Wpc 255 Roberta Fenech

Pc 1155 Chris Mangion

Sur Alfred Debattista




**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom u nħeġġu lill-qarrejja biex jagħmlu użu minnhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bil-fors l-opinjoni tal-Board. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbagħt fl-indirizz hawn taħt:

Editur "il-Pulizija" C.M.R.U. Police Headquarters
Floriana CMR 02

Ritratt: Pulizija waqt waħda mic-check points li kien hawn madwar Malta għall-laqgħa tac-CHOGM
Hajr lid-D.O.I. għar-ritratt

© C.M.R.U. Police Headquarters, Diċembru 2005

# Editorial

*Għeżież membri*

Meta wieħed iħares lura lejn is-sena li waslet sabiex tispiċċa, ma jistax ma jinnotax kemm il-ħidma tal-Pulizija kienet profonda fil-ġlieda kontra kull tip ta' kriminalita'. U dan ma seħħx biss bl-għodda li l-Korp isaħħah bihom, imma seħħ bil-ħidma impekkabbli tal-membri tal-Korp li huma stazzjonati fl-Għasses madwar Malta u Għawdex. Xogħol dawn in-nies mhux dejjem jidher kif wieħed forsi jixtieq, pero' r-riżultati miksuba taw ir-risposti mixtieqa. Ta' min wieħed jgħid li dan ma jnaqqas mill-ebda merti ta' dawk il-membri kollha li huma stazzjonati fi Branki speċjalizati.

Huwa għalhekk importanti li l-ko-ordinament u l-kommunikazzjoni, li huma l-fulkrum integrali u fundamentali fix-xogħol u tax-xogħol tagħna, ma jiġux injoranti. Għalhekk minn din il-kolonna nixtieq nirringrazza lil membri kollha tax-xogħol li jwettqu matul is-sena.

Waslulna bosta lmenti li hemm membri li għadhom jew qatt ma rċievew kopja tal-Magazine bil-posta, jew mhux jiċievu kopja regolari tal-Magazine bil-posta. Għal darba oħra nappellaw lil dawk il-membri li qatt ma rċievew il-Magazine sabiex jiċċekjaw li l-indirizz preżenti huwa dak it-tajjeb ma l-Uffiċju tar-Riżorsi Umani. Lil dawk li mhux dejjem jirċievuh nitolbuhom jiċċekkjaw mal-pustier għax l-indirizzi aħna inġibuhom mill-Uffiċju tar-Riżorsi Umani. Xi kultant anke numru jaf jagħmel id-differenza. Jekk l-indirizz ikun tajjeb, allura ċemplu l-Uffiċju tac-CMRU u tħallu l-indirizz.

Fil-ħarġa tal-Magazine Il-Pulizija ta' Marzu 2006, ser tingħata prominenza l-ħidma li wettqet il-Pulizija waqt il-laqgħa tac-CHOGM f'Novembru, 2005.

Fl-aħħar nixtieq nagħlaq l-Editorjal għal din is-sena billi flimkien mal-Bord Editorjali tal-Magazine tal-Pulizija nawguraw lil membri tal-Korp, b'mod speċjali lill-familjari li tkun xi tkun iċ-ċirkostanza dejjem ikunu strumentali fis-support tagħhom, il-festi t-Tajba u dak kollu li tixtieq qalbhom.

Disinn u riklamar

**ABILITY PUBLICATIONS LTD.**
Tel: 21 241345 - Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar
**GUTENBERG PRESS - TARXIEN**

## Messaġġ mill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

Kwazi għaddiet sena oħra. Kif jgħaddi ż-żmien. Kienet sena oħra ta' ħidma minn naħa tal-Korp tal-Pulziija. Id-dedikazzjoni tal-maġġoranza kbira tal-membri tal-Korp ħalliet riżultati tajbin fil-ġlieda kontra l-kriminalita', fejn kellkom suċċessi notevoli speċjalment fil-ġlieda kontra d-droga.



Onor. Dr. Tonio Borg

Il-Pulizija tħabbat wiċċha ma' ħafna problemi. Minbarra l-ħidma "ta' kuljum" minn żmien għal żmien jinqalgħu problemi li wieħed irid jindirizza mill-ewwel. Tul is-sena li ser tispiċċa għadd konsiderevoli ta' pulizija kienu involuti direttament mal-problema ta' l-immigrazzjoni illegali. Reġa` kellna sena b'wasliet kontinwi ta' dgħajjes mimlija bil-klandestini u li għamlet pressjoni mhux żgħira fuq ħafna sezzjonijiet tal-Korp.

Avveniment li spikka din is-sena kienet il-laqgħa taċ-CHOGM li saret lejn l-aħħar ta' Novembru. Il-pulizija, flimkien ma' aġenziji oħra, kienu involuti biex offrew sigurta' lill-għadd ta' Kapijiet ta' Stati tal-Commonwealth li ltaqgħu hawn Malta. Il-fatt li ma kien hemm ebda inċident juri s-serjeta' u l-kapaċitajiet tal-Korp.

B'dan kollu il-Pulizija baqgħet għaddejja bil-ħidma tagħha għal ġid taċ-ċittadin. U dan il-fatt huwa magħruf u apprezzat miċ-ċittadini Maltin u Għawdxin li dejjem juru fiduċja fil-membri tal-Korp.

U ta' dan il-Gvern huwa grat u għalhekk huwa kommess li jsaħħah il-Korp tal-Pulizija u tul is-sena li waslet biex tintemm, apparti diversi ħatriet f'diversi karigi, sar ingaġġ ta' 100 kuntistabbli ġdid biex jiġi żgurat li jinżamm in-numru metħieġ ta' membri fil-Korp.

F'ismi personalment u f'isem iċ-ċittadini kollha Maltin u Għawdxin, fil-waqt li nixtieq nuri l-apprezzament għall-ħidma kontinwa tagħkom, nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom l-isbaħ xewqat għal Milied mimli paċi u Sena Ġdida mimlija risq.

## Messaġġ mill-Kummissarju tal-Pulizija



Kummissarju
John Rizzo

Il-Kummissarju tal-Pulizija
s-Sur John Rizzo jixtieq
il-Milied it-Tajjeb u s-Sena Gdida mimlija risq
lill-membri kollha tal-Korp u l-familjari tagħhom.

## Messaġġ mis-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern



Onor.
Dr. Carmelo Mifsud Bonnici

APPELL MILL-QALB

Forsi għal uħud, l-aħħar jiem tas-sena jfissru ġranet ta' divertiment u mistrieħ. Mument meta wieħed jieqaf jaħseb u jirrifletti fuq dak li jkun għadda minn fuqu fix-xhur ta' qabel. Il-ġimgħatejn ta' l-aħħar, bl-istediniet naħa u oħra, it-tiżjin fit-toroq u tad-djar, minnhom infushom jibdlulna l-linja tas-soltu.

Jekk dan jgħodd għal ħafna, però ma jgħoddx għal dawk li qegħdin marbuta ma' ħidma ġewwa dan il-Ministeru. L-impenn li hemm fi ħdan il-Korp ma jippermettux dan. Anzi r-rutina u l-pjan ta' ħidma dixxiplinata jridu jassiguraw li kulħadd jibqa' attent u viġilanti. Il-Korp ma jistax jistrieħ għax jaf li d-delinkwenza u l-kriminalità m'għandhom waqfien ta' xejn.

Però dan ma jfissirx li ma aħniex aħna wkoll bnedmin intitolati li ngawdu l-familja u nġeddu l-ispirtu ħaj tal-Milied. Proċess ta' għarfien li hemm skop u sens fil-ħajja tagħna. Tiġdid personali intern u estern li permezz tiegħu nifhmu aktar li l-imġieba tagħna fuq il-post tax-xogħol u fil-qadi ta' dmirna huwa determinanti. Huwa ċavetta li permezz tiegħu l-ewwel nagħtu eżempju ta' kif kull ċittadin għandu jġib ruħu fis-soċjetà, u t-tieni, għax inkomplu nissudaw il-forza tas-sewwa f'dinja fejn hemm dejjem il-preżenza tal-ħażen.

Il-messaġġ tal-Milied jiġi kull sena għalina kollha. Mhux dejjem inkunu lesti għalih. Ikollna ħafna distrazzjonijiet u nieħdu aħna wkoll sqaqien bla sens li jispiċċaw iżommuna 'l bogħod minn ħidma tajba. Għalina l-Milied m'huwiex aljenazzjoni iżda tiġdid ta' l-għarfien li mingħajr il-valuri tal-verità u tal-ġustizzja, is-soċjetà ma jkollha ebda spina dorsali.

Din is-sena kienet waħda importanti ħafna għalina. Waħda li ssarfet sabiex il-Korp wera li qiegħed preżenti u effettiv fix-xenarju ta' pajjiżna. Ġew solvuti ħafna delitti u konna organizzati sabiex inżammu ħafna oħra milli jitwettqu. Mhux biss, iżda kellna fuqna r-responsabbiltà li s-sigurtà ta' tlieta u ħamsin kap ta' Gvern bid-delegazzjonijiet tagħhom ssarfu fiċ-CHOGM. Mhux dejjem tista' tiftaħar b'dan fid-dettalji kollha għax inkunu qed nikxfu ħidmietna lil min jopera fil-kriminalità. Però l-poplu tagħna, fil-maġġoranza tiegħu, jagħraf dan u huwa rikonoxxenti. L-uniformi għadha rispettata ħafna u ma għandix dubbju li tul is-sena li ġejja hekk ser tibqa'.

Nagħlaq billi nawguralkom minn qalbi żewġ affarijiet: l-ewwel, li minkejja kollox issibu ħin sabiex tirriflettu fuq il-ħidma li saret u tippreparaw rwieħkom għas-sena li ġejja, u t-tieni, il-Milied u s-Sena t-Tajba.



BUPA Malta
DEDIKATI BIEX NIEĦDU ĦSIEB SAĦĦTEK
**BUPA Agencies Ltd**
120 Ix-Xatt · Gżira GŻR03 · Malta
Tel: [+356] 2134 2342
Fax: [+356] 2133 3100
E-mail info@bupamalta.com
*BUPA Agencies Ltd hija awtorizzata bħala aġent ta`l-assigurazzjoni u hija regolata mill-Awtorita`għas-Servizzi Finanzjarji ta`Malta.*

# Talk 4 less

## Talk for 60...
## ...Just pay for 1

Pay for a minute. The rest of the hour is on us.

**With go mobile you'll save even further as calls under a minute are still charged on a per second basis**

To subscribe to this offer send a blank SMS to 4455

Ready to go

This offer applies to **Ready to go** subscribers for calls to other go mobile numbers on weekdays between 8pm and 8am, and all day during weekends. Offer is valid till 31 January 2006. Terms and conditions apply. For further information call go Care on 146 or 79 222 146 from other networks.

Always the better value
www.go.com.mt

go mobile


PS 496 G.Borg
9 Distrett

Kontra x-xewqa tal-kumitat eżekuttiv, id-data tal-elezzjonijiet għad-delegati tal-konferenza ġenerali ġiet imtawla bi ftit xhur. Prinċiparjament dan sar għaliex xtaqna li namendaw l-istatut tal-Assoċjazzjoni għal wieħed aktar demokratiku.

Fil-fatt dan il-ħsieb intlaħaq u proprju fit-30, ta' Awwissu, 2005, l-istatut ġie amendat u ġie fis-seħħ. Intant ftit ġranet wara li sar dan l-eżerċizzju, l-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija ħareġ sejħa sabiex jintlaqgħu n-nominazzjonijiet minn dawk il-membri kolla li xtaqu jikontestaw fl-elezzjoni għad-delegati tal-konferenza ġenerali.

Wara li għalqet id-data tan-nominazzjonijiet, irriżulta li kienu disa' membri biss li tefgħu n-nomina, għaldaqstant awtomatikament dawk kolla li tefgħu n-nomina ġew eletti fir-rank partikolari tagħhom u ma kienx hemm bżonn li ssir elezzjoni.

Minn fost dawn id-disa' membri, ġew imbagħad eletti ċ-Chairman, is-Segretarju Ġenerali kif ukoll it-Teżorier. PS496 Godwin Borg, baqa' jokuppa l-kariga ta' Chairman, PC714 Victor Bonavia ġie elett bħala Segretarju Ġenerali, filwaqt illi s-Supretendent Raymond Vella Gregory ġie elett bħala Teżorier.

Meta wieħed joqgħod jirifletti ftit din is-sitwazzjoni, joħroġ ċar kemm hawn nuqqas ta' nteress, u sa ċertu punt kemm hija sitwazzjoni inkwetanti. Jiena ngħid ukoll li għandna ħafna pulizija cowards, u qalbhom maqtugħa minn kollox, u li saħansitra m'għandhomx fiduċja fihom infushom. Pulizija BLA BLA BLA!!!!!!!!!

Tkellimt ma' ħafna u kull wieħed ħareġ b'xi skuża ġdida jew qadima, pero' l-aktar li laqatni kien meta kien hemm xi ħadd li stqarr li ma kkontestax għax peress li applika għal xi promotion qiegħed jibża', li jiġi mċaħħad minnha kemm-il darba jipparteċipa.

Jien għidtlu li, fil-verita xi żmien ilu, jien ukoll applikajt għal-promotion u anki qgħadt għall-interview,u anki qiegħed minn tal-ewwel fis-sinority, dejjem jekk għamilt il-kalkoli tiegħi sewwa,u saħansitra jidhirli li għandi l-kredenzjali kollha rikjesti għall-dik il-pożizzjoni, pero' jien ħsibt modieħor, u tfajt in-nomina tiegħi, għaliex ma nistax nemmen kif, għax tieħu sehem f'xi ħaġa li qegħda hemm b'liġi tista' b'xi mod tiġi kkastigat. Naħseb li dan ma jagħmilx sens, u jien ma naċettahiex bi skuża.

Personalment mill-ewwel kont determinat li nkompli naħdem fuq dak li bnejna fl-aħħar sentejn. Iva naf ukoll li hemm responsabilita' kbira, pero' jien qatt ma qtajt qalbi, u ġaladarba, kont wieħed minn dawk li fil-passat kritikajt lill-predeċessuri tagħna, ħassejt li issa wasal iż-żmien li naġixxi, u nipprova nagħmel xi ħaġa sabiex inkunu nistgħu nakwistaw dak li nemnu li huwa tagħna bi dritt, u fl-aħħar naslu xi mkien. Fil-fatt ngħid li fis-sentejn li għaddew tgħallimna ħafna, pero' hemm ħafna aktar x'wieħed jitgħallem. It-triq minn dejjem għidna li mhix faċli.

Kienu sentejn iebsa għax riedna nibdew mill-bidu nett, ma sibna xejn konkrett għajr duħħan u tgerfiex liema bħalu. Li hu zgur huwa, li l-Assoċjazzjoni tagħna mhix ser tkun passiva sabiex kull min irid jagħġina kif jaqbel lilu, u lanqas mhux ser inkunu l- Assoċjazzjoni tal-isem, jew sabiex nimlew xi vojt fuq il-karti, jew biss biex niftaħru li għandna Assoċjazzjoni tal-pulizija kif rikjest mill-E.U. Tajjeb li nfakkru, li għalkemm aħna pulizija xorta waħda ħaddiema bħal oħrajn, kif ukoll pulizija Ewropej, għaldaqstant ma jistgħax ikun li nibqgħu niġu mċaħħda mid-drittijiet fundamentali tal-ħaddiem.

Issa, flimkien u b'għaqal, fit-tliet snin li ġejjin irridu l-ewwel nikonsolidaw dak kollu magħmul fl-aħħar sentejn, imbagħad nagħrfu sewwa x'inhuma l-limitazzjonijiet tagħna,u nistabilixxu l-prijoritajiet tal-Assoċjazzjoni għal dan it-terminu, imbagħad, wara li nressqu l-proposti u r-riżoluzzjonijiet tagħna quddiem id-delegati għall-approvazzjoni tagħhom, nibdew bil-ħidma sabiex fl-iqsar żmien possibli niprovaw li dak kollu meħtieġ u mixtieq għall-membri tal-korp iseħħ u jasal. Iva bis-serjeta' kolla wasal iż-żmien li mill-paroli naslu għall-fatti. Hemm bżonn li kulħadd

jifhem u jibda jgħix ir-realtajiet tas-sitwazzjoni li qegħdin fiha l-membri tagħna. Jeħtieġ darba għal dejjem li mingħajr ebda biża', nibdew ngħidu dak kollu li nħossu li huwa tajjeb u veru. Le, dan m'għandux jibqa' daqstant diffiċli. Demokrazija ta' vera hekk titlob, u xejn aktar. Jiena dejjem emmint fir-realta' u qatt ma emmint fil-ħolm, u għalhekk ngħid, illi meta xi ħadd jaħdem bi pjan ċar u b'mod organizzat, il-possibilita' hija li jirnexxi f'dak kollu li jkun ippjana.

Ser naħdmu ħafna sabiex b'mod partikolari nsibu triq aħjar ta' kif nistgħu nkunu aktar qrib tal-membri tagħna. Inħoss li għad hemm distakk kbir bejna u bejn il-membri, biżżejjed ngħidilkom li lanqas lista ta' min huma l-membri tagħna għadhom ma tawna. Għajnuna ftit li xejn qed insibu. Irridu nagħmlu sforz akbar sabiex nitrasmettu mentalita' posittiva fost il-membri, waqt li ma nħallux lil min ifixkillna, għaliex anki minn fostna stess tista' tinbed il-ħsara. Kunu għafu, li l-logħob bil-kliem, jiżgwidana, joħolqilna ħafna spekulazzjonijiet, u jagħmel ħsara liema bħala. Pero' jien nemen ukoll illi sabiex titla' fuq il-muntanja trid tkun int li tersaq lejha, u tisteniex li din tiġi għalik hi.

Ser ngħid dan li ġej għax naħseb li tajjeb li tkunu tafuh. Mela dan l-aħħar, anzi sabiex inkun preċiż, fit-22 ta' Settembru, 2005, tqasmet iċ-ċirkolari 112/2005, li kienet tiratta dwar kwestjonarju mhejji mis-CESP. Dan il-kwestjonarju jew stħarriġ, sejħulu li tridu, suppost tqassam lil kulħadd. Issa għall-informazzjoni ta' kull min huwa nteressat, dan il-kwestjonarju ġie ntrodott lilna mis-CESP, meta ltaqjna fil-Polonja f'Mejju tas-sena 2003. Dan ġie mqassam lit-tmintax-il pajjiż li jifformaw is-CESP.

L-għan prinċipali kien, li jsir studju kollettiv dwar il-livell tal-pulizija Ewropeja fi ħdan is-CESP. Aħna, l-MPA bil-prudenza kollha, tlabna permess bil-miktub lill-Amministrazzjoni tagħna sabiex inkunu nistgħu nqassmu dan il-kwestjonarju lill-membri tagħna. Ġara iżda li qatt ma ħadna tweġiba, la iva u l-anqas le. Wara li għadda ħafna żmien, is-CESP talbitna sabiex nagħtu r-riżultati tagħna, aħna kellna ovvjament ngħidulhom illi ma ħdimnihx għax ma kellniex tweġieba meħtieġa.

Sabiex naqta' l-istorja fil-qosor u niġi għall-punt l-aktar importanti, fl-aħħar dan il-kwestjonarju tqassam lill-membri tagħna. B'kull rispett lejn kulħadd, jiena f'isem l-MPA l-ewwel u qabel kollox kont nipretendi li bħala MPA, kellna niġu kkonsultati, li t-talba tagħna ġiet milqugħa. Nemmen ukoll, li iva, setgħet intużat proċedura aħjar minn dik li ġiet użata fid-distribuzzjoni ta' dan il-kwestjonarju.

Fl-opinjoni tiegħi dan il-kwestjonarju ser jservi ta' ġid kbir fix-xogħol li qed isir kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment. Kienu ħafna dawk il-membri li sabuni u qalluli li lanqas biss rawh b'għajnejhom aħseb u ara kemm imlewh, biex ma nsemmiex ukoll kemm għamilt telefonati jien personali sabiex nisegwieh.

Mill-banda l-oħra l-akbar ironija terġa' tkun illi, kienu biss terz tal-membri li irrispondew dan il-kwestjonarju. Mill-ewwel indikazzjonijiet tinduna bin-nuqqas ta' ħeġġa li teżisti, u forsi anki l-biża' li ħafna maħkumin minnha, dan anki wara li kien anonimu. B'dan l-atteġjament tagħna, m'aħniex ħlief nagħtu ċans lil ħaddieħor jaħrabilna mir-realta' u jgħatti x-xemx bl-għarbiel, fil-verita' ma narax xi jkun ħaqna aħjar minn hekk.

Ħbieb, qabel ma jkun tard wisq jeħtieġ li bis-serjeta' kollha nifhmu darba għal dejjem li wasal iż-żmien li nibdew nemmnu fina nfusna. Aħna kapaċi daqs ħaddieħor, mela ejja bi sforz wieħed ninsew l-imgħoddi u naħsbu fil-futur u naħdmu flimkien bi skop wieħed. Il-Membri tal-Korp tal-Pulizija.

Qabel nagħlaq nixtieq minn qalbi l-ewwel niringrazzja lill dawk kolla li ħadmu miegħi fis-sentejn li għaddew, b'mod partikolari lil PC 24 Martin Pace, u fl-istess ħin nieħu l-opportunita' sabiex niringrazzja u nawgura lill-membri l-ġodda li daħlu għal dan ix-xogħol, u nemmen li flimkien nistgħu naslu.

Inselli għal kullħadd.

Godwin Borg.
Chairman MPA.


MARKS & SPENCER
the essential black dress....
simply stunning at Lm28!
Marks & Spencer Sliema & Valletta are open all day from: 9am to 8pm




Michael Attard Ltd. - National Road, Blata l-Bajda - T: 2123 8854 - E: sales@michaelattard.com
Psaila Street, Sta Venera - T: 2144 9312

# Il-Parteċipazzjoni tal-Pulizija Maltija f'missjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea



Il-Parteċipazzjoni tal-Pulizija Maltija f'missjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea

Biex inkomplu ma' l-aħħar artiklu li deher fil-ħarġa ta' Gunju 2005 xtaqna nibdew biex ngħidulkom xi ħaġa fuq il-*Medal Parade* li saret fit-13 ta' Mejju fil-kwartieri tal-EUPM ġewwa Sarajevo.

Għal kuntrarju tal-*Medal Parades* preċedenti din id-darba minflok saret ġewwa is-sala tal-Universita' ta' Sarajevo saret fil-kantin ġewwa il-kwartieri tagħna stess. Fit-13 ta' Mejju bdejna ix-xogħol bħal kull ġurnata oħra fit-tmienja, b`differenza li ridna nilbsu in *full uniform* biex inkunu lesti għal parata. Wara tlaqna minn Zenica għal Sarajevo flimkien maċ-*Chief* taghħna u ma' kollega Franċiż. Kif wasalna fis-sala għajnejna mill-ewwel marru fuq il-bandiera Maltija li kienet flimkien mal-bnadar tal-pajjiżi l-oħra li għandhom ir-rappreżentanti tagħhom f'din il-missjoni. Saru is-sagħtejn u instemet l-għajta mid-*Drill Master* li huwa ta' nazzjonalita' Ingliża. Wara li daħlu fis-sala il-mistednin, il-*Head of Mission* għamel l-indirizz tiegħu. Bdiet iċ-ċerimonja billi inagħtaw il-midalja iċ-*Chief Co-locators* u wara huma stess riedu jagħtu il-midalja lil kumplament. Wara kelna riċeviment żgħir.

Fil-31 ta' Mejju kellna l-*Induction Training Course*, li jieħu tlett ijiem. Sar daqsxejn tard, għalina, pero ma setawx jagħmlu kors għal tnejn min-nies biss, allura kellna nistennew sakemm jaslu kollegi oħra u isir kors wieħed għal kulħadd. Peress li l-lectures jibdew kmieni filgħodu, fit-tmienja, ma kienx possibli li filgħaxija immorru lura Zenica, kelna nibqgħu Sarajevo tul it-tlett ijiem. Konna alloġjati fl-lukanda mal-kumplament tal-kollegi tagħna li kienu qed jattendu l-istess kors. Il-*lectures* li kellna tul dawn it-tlett ijiem kienu dawn:

*EUPM Programme and Coordination (PDCD), Mine Information Cordination Cell(MICC), EUPM Legal Department, EUPM Political Department, EUPM Reporting Department, Communicat- ions Centre, EUPM Internal Control Unit (ICU), EU/IC Coordination Cel, European Forces(EUFOR), EUPM Support Services Department (SSD), Office of The High Representatives (OHR), EUPM State Investigation and Protection Agency(SIPA), EUPM State Border Services(SBS), European Union Monitoring Mission (EUMM), EUPMa SIPA War CrimesUnit, International Criminal Tribunal for Former Yugoslavia (ICTY), EUPM Police Restructuring Working Group (PRWG), Mission Security, EUPM SSD Motor and Transport Office.*

Aktar ma jgħaddi żmien aktar qed nersqu lejn it-tmiem ta' din il-missjoni li jfisser li trid tagħmel sforz akbar peress li l-proġetti iridu jiġu finalizzati sa' l-aħħar ta' din is-sena. Hemm xi diffikultajjiet peress li hemm xi partijiet tal-proġetti li żgur mhux ser jiġu konklużi. Dan huwa dovut għal xi liġijiet li jridu jiġu mibdula. Apparti minn hekk, qed nistennew il-*Police Restructuring* li ukoll qed iżommna lura fil-ħidma tagħna. Il-*Police Restructuring Committee* informana li qabel il-bidu tas-sena d-dieħla l-*police restructuring* mhux ser jiġi atwatt peress li għad hemm xi nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet konċernati. Dan il-kumitat qed iwettaq program biex fost oħrajn iġib id-diversi sezzjonijiet tal-pulizjia aktar viċin ta' xulxin f`kull aspett. Dawn l-aspetti huma varji tibda bil-pagi u kundizjonijiet, uniformijiet tal-pulizija li fil-preżent hemm diversi uniformijiet differenti, amministrazzjoni tal-pulizija, armi, network, u ħafna affarijiet oħra li għalina huma xi ħaġa normali.

Dan l-aħħar ġejna infurmati li ser tibda l-*eveluation* ta' kull proġett, fil-fatt fil-*canton* taghna ġa sar l-ewwel *evaluation*. Din l-*evaluation* saret fuq proġett 3. Tawna linji ta' gwida ta' x`qed jistennew minna biex b`hekk il-proċess tal-*evaluation* ta' kull proġett ikun aktar sempliċi. Il-kompitu tagħna huwa li niġbru u nipreżentaw evidenza suffiċenti u kredibi tal-proġetti li qed nieħdu ħsieb li fir-realta' qed jiġu implementati mil-pulizija tal-lokal fuq *standards* Ewropej. Trid tiġbor kull tip ta' evidenza u kull tip ta' dokumentazzjoni. Nistqarr li mhux ħaġa faċli, qed insibu xi diffikultajiet peress li mill-bidu tal-missjoni il-persuni li kienu inkarigati minn dawn il-proġetti kienu diversi, li jfisser li xi evidenza li seta' kellhom il-persuni ta' qabilna intilfet jew ma ġietx dokumentata kif suppost. Fil-fatt meta inkunu qed niddiskutu ma' kollegi oħra kollha naqblu li f`missjonijiet oħra fil-futur in-nies li jiġu ingaġġati għandhom jibdew u jispiċċaw il-proġett mill-bidu sa l-aħħar jiġifieri inti tiġi ingaġġat mill-bidu tal-missjoni sa l-aħħar tal-missjoni u mhux tiġi ingaġġat għal sena u wara tintbagħat lura pajjiżek. B`hekk ma jkunx hemm telf ta' informazjoni u telf ta' ħin biex il-persuna mibdula taddatta ruħa.

Bejn is-17 ta' Ottubru u l-21 ta' Ottubru kellna l-*evaluations* fuq kwazi il-proġetti kollha. Tim ta' tlieta min-nies li huma stazzjonati fl-*Evaluation Cell* ġew Zenica u bdew jiġbru l-informazjoni mingħand kull wieħed minna. Nistgħu ngħidu li kemm aħna u kemm il-kollegi l-oħra morna tajjeb ħafna.

Wara din l-*evaluation* ma nistgħux nitilqu kollox għal rieħu allavolja il-proġetti kważi kollha ġew implementati u għalhekk ġie deċiż li niffukaw aktar fuq spezzjonijiet. Kull wieħed minna irid jagħmel spezzjoni fejn jara li dak li ġie implementat qed jiġi addattat. Għal kull spezzjoni li ssir trid tagħmel rapport dettaljat. Fl-ewwel ġimgħa tax-xahar kif konna nagħmlu qabel isiru r-rapporti fejn dawn issa ser jibdew ikunu aktar konċentrati fuq l-ispezzjonijiet li nagħmlu.

Naħseb li f`dan l-artiklu ħadtu aktar ideja ċara ta' x`inhu x-xogħol li qed nagħmlu f`din il-missjoni ġewwa il-Bosnia.

Insellu ghalikom

PC 848 Laurence Gabriele
PC 135 Joseph Buhagiar

# Il-Ħajja ta' Student ġewwa l-Universita' ta' Malta!



PS 1503
A. Ellul

Meta dħalt fil-Korp tal-Pulizija, fl-1993 ma kelli l-ebda ħsieb li xi darba kont ser nispiċċa nqatta' seba' snin minn ħajti ġewwa l-Universita' ta' Malta. L-ewwel darba li dħalt ġewwa l-bini ta' l-Univerista' kont ma' ħija, u bdejt inħossni qisni ħuta barra mill-ilma. Kont naħseb li l-Univesita' – kif jgħid il-Malti - kienet xi ħaġa ta' barra minn hawn!

Meta fl-1999 sirt Surġent, kont bdejt insegwi kors fis-Soċjoloġija fuq bażi part-time, iżda b'dana kollu, xorta ma nistgħax ngħid li kont inħossni student universitarju fil-veru sens tal-kelma. Li nista' ngħid hu, li dik is-sena kienet servitni biex jien stajt nidra is-sistema universitarja' u l-burokrazija kollha li din iġġor magħha. Sena wara ġejt magħżul, flimkien ma' kollegi oħra mill-Korp, sabiex nibda' nattendi, fuq bażi full-time, il-kors hekk imsejjaħ 'tal-liġi'. L-għotja ta' din il-borza ta' studju kienet l-aktar sorpriża ta' ferħ fil-ħajja tiegħi.

Il-kors bdejnieh f'Ottobru tas-sena elfejn, u minn dak in-nhar sal-lum nista' ngħid li għaddejt minn ħafna ġrajjiet relatati ma' l-Universita'. F'dan l-artiklu, nixtieq naqsam magħkom xi ftit minn dawn l-esperjenzi.

**L-ewwel sena!**

Meta bdejt l-ewwel sena kont naħseb li mhux se nkampa. Dan għaliex wara ftit skoprejt li l-kors tal-liġi kien wisq ta' livell għola mill-kors li kont nattendi għalih qabel. F'daqqa waħda sibt ruħi mdawwar bi professuri tal-liġi li bilkemm kont nifhem x'inhuma jgħidu. Dawn kienu jvarjaw mill-President ta' Malta (għal dak iż-żmien) għall-Prim Imħallef ... u ma jonqosx ukoll l-Avukat Ġenerali. It-terminoloġija legali li kienu jużaw kien Grieg għalija. Ċertu lecturers naħseb kienu jassumu li kulħadd għandu xi background legali. Mur għidilhom li jien inzertajt l-ewwel wieħed fil-familja tiegħi!

L-ewwel sena tal-kors tal-liġi hija magħrufa ħafna għal-qtugħ ta' l-irjus, minħabba l-fatt li fil-klassi bdejna madwar mija u tletin student u sattieni sena spiċċajna ftit 'il fuq minn tmenin. Ta' min wieħed issemmi li fl-ewwel tliet snin kull student irid jagħżel dik li tissejjaħ 'secondary area', jiġifieri suġġett ieħor barra dak li tkun qed tistudja prinċipalment, u din tkompli żżid mal-volum ta' l-istudju. Jien u sieħbi (surġent ieħor bħali) konna naħsbu meta għamilna l-eżamijiet ta' l-ewwel sena li ma konna se ngħaddu minn xejn. Konna wisq pessimisti tagħna nfusna. Kien hemm wisq x'tistudja u donnu kulħadd jaqtagħlek qalbek, xi ftit jew wisq. Barra minnhekk, meta konna nikkumparaw ruħna ma' studenti oħra ta' eta' iżgħar minna, konna naħsbu li ma konniex għall-altezza tagħhom. Iżda bħal studenti oħrajn irnexielna ngħaddu mill-eżamijiet ... saħansitra b'riżultanti tajbin ukoll. Il-fatt li aħna sponsorjati mill-Korp ġabilna fuqna ċertu obbligu lejn l-istess istituzzjoni li aħna konna qed nirrappreżentaw.

Għalkemm jgħidu li l-ewwel, it-tielet u l-ħames sena huma l-aktar iebsin fil-kors tal-liġi, fl-opinjoni tiegħi kull sena kien fiha x'tomgħod. Iżda l-aktar sena terribli kienet it-tielet sena. Jingħad ukoll – bejnietna l-istudenti – li din hija wkoll waħda minn dawk tal-'qtugħ ir-ras', peress li student irrid iġib ċertu marki fl-eżamijiet biex ikun jista' jkompli għar-raba' sena.

**Passiġġata jew le?**

Kif ħafna minnkom jafu, fl-aħħar ta' kull sena akkademika dawk il-pulizija li qegħdin sponsorjati jerġgħu jidħlu lura għax-xogħol fid-dipartiment li fih ikunu ġew assenjati. Ngħid għalija personali, aħjar ġurnata xogħol bla waqfien milli ġurnata bil-qiegħda nistudja - speċjalment dawk ix-xahrejn ta' qabel l-eżamijiet! Ħafna jaħsbu li dawk il-pulizija li qegħdin, jew li diġa` kienu l-universita', qegħdin xi passiġġata. Jien napprezza l-opinjoni ta' kulħadd, iżda kif jgħid l-Ingliz "it's easier said than done". Li forsi jintqal li aħna xxurtjati għaliex ġejna offruti din l-opportunita' huwa aċċetat, iżda li ma nagħmlu xejn, hija ħrafa.

**Il-ħajja ta' student!**

Ġeneralment dejjem kien ikollna xi lecture fit-tmienja jew fid-disgħa ta' filgħodu. Bħas-soltu, fl-Universita' wieħed irid jagħmel wegħda biex jipparkja, u għaldaqstant wieħed irid jaħseb kmieni. Ġeneralment wara xi lecture minn dawk ta' filgħodu kmieni mmoru nieħdu xi tazza kafe`, imbagħad nerħula għal-librerija biex nagħmlu xi riċerka. Il-biċċa l-kbira meta nieħdu break noqgħodu fil-campus. Jien u sħabi konna niskantaw kif studenti ta' korsijiet oħra (u anke x'uħud minn dawk fil-klassi tagħna!) kienu jqattgħu ġranet jilagħqu ix-xemx. Konna ngħiru għalihom. Aħna konna naqbdu nippanikjaw wara xi kwarta fuq il-campus għax konna ngħidu bejnietna li qed naħlu l-ħin. L-aħħar xahar ta' qabel l-eżamijiet il-campus ikun qisu ċimiterju, peress li l-istudenti ikunu kollha qegħdin jistudjaw ġewwa l-librerija ta' l-Universita' jew id-dar.

Hemm min jgħidlek li ż-żmien li għamel l-Universita' kien parti mill-isbaħ żmien ta' ħajtu. Jien (u wħud minn sħabi) niskanta b'dawn it-tip ta' nies għaliex għalija kienu sitt snin stressanti. Barra l-problemi personali li jista' jġarrab kulħadd, l-istudju kien iħallili ftit ħin għall-iżvog mal-familjari tiegħi. M'hemmx għalfejn ngħidu, li l-problemi ta' l-istudenti iġġoruhom ukoll dawk tal-madwar.

Kienet tkun wisq diffiċli, jekk mhux ukoll impossibbli, li nasal fejn wasalt li kieku ma sibtx għajnuna mill-familjari u t-tfajla tiegħi. Dawn ġarrew id-dwejjaq, kif ukoll is-sodisfazzjon, ta' l-Universita'.





## Il-Gradwazzjoni

Meta joħorġu r-riżultati erħila kulħadd jiġri lejn in-notice board biex jara x'riżultati ġab. Ġieli jkun hemm xi delużżjonijiet, iżda ġeneralment dejjem l-istess nies ikunu. L-Universita' mhix xi ħaġa ta' barra minn hawn, u kull min studja bis-serjeta' kulħadd irnexxa. Fl-opinjoni tiegħi, kull ma wieħed jirrekjedi hija perseveranza u determinazzjoni. Jekk wieħed ma jistudjax, ma jippretendix li jgħaddi. Pero' ġieli saru mirakli wkoll ... kif, ma nafx.

Il-ġurnata tal-gradwazzjoni tiġbor magħha l-ferħ u t-tbatijiet kollha li student ikun għadda minnhom tul is-snin. Din hija ġurnata memorabli għal kull student - u aktar u aktar għall-ġenituri. L-għajjat u l-istorbju li jsiru fis-sala tal-gradwazzjoni dak in-nhar ikun tremendi u indeskrivibbli. Il-mistiedna distinti li jkun hemm dak inhar donnhom jgħalqu għajn waħda għall-istorbju li jibdew jagħmlu l-istudenti (nsomma jridu u ma jridux!).

Fuq nota aktar serja, avolja b'sagrifiċju kbir illum nista' ngħid li l-esperjenza li ħadt mill-Universita' hija waħda mportanti ħafna fl-ambjent globalizzat li qegħdin ngħixu fih. Aparti l-liġi lokali, il-kors joffri credits (suġġetti) fuq diversi tipi ta' liġijiet, bħal ngħidu aħna l-liġi Ewropeja, il-liġi Internazzjonali Pubblika, il-liġi Kummerċjali, u aktar suġġetti li jinvolvu fihom dimensjoni Ewropea jew internazzjonali. Dawn it-tip ta' suġġetti jieħduk lilhinn minn xtutna għaliex proprju jinkludu trattati jew konvenzjonijiet fuq livell internazzjonali. Meta wieħed jidħol f'ċertu dettal, jibda' japprezza aktar il-liġijiet ta' pajjiżi oħra, u indirettament dan l-atteġament idaħlek f'eżerċizzju komparattiv.

Ħadd m'għandu jaqta' qalbu li xi darba jew oħra jittanta jattendi għal xi kors ġewwa l-Univerista'. L-element prinċipali biex wieħed itemm kors b'suċċess hu, fl-opinjoni tiegħi, il-perseveranza. Ovvjament ħilijiet oħra, bħal ngħidu aħna kunfidenza u kapaċitajiet lingwistiċi, huma wkoll ta' għajnuna kbira f'xogħolna.



Illum il-ġurnata l-Korp tal-Pulizija igawdi minn diversi nies li huma gradwati f'oqsma differenti, u dan jixhed it-talent akkademiku li jeżisti fil-Korp. Pero' dan qatt mhu biżżejjed, għax meta wieħed jara korpi tal-Pulizija barranin mill-ewwel jinnota li anke kuntistablijiet hemm b'xi Ph.D...... u għax kif jgħid il-Malti "taf kemm taf, qatt ma taf biżżejjed!"




# EUROCOP U L-INTERESSI TAL-PULIZIJA EWROPEJ

Fiċ-Ċentru Informazzjoni Malta-UE kemm-il darba ġew nies isaqsu dwar xi drittijiet għandhom il-pulizija fl-Unjoni Ewropea speċjalment fejn jidħlu kundizzjonijict u salarji fil-qadi ta' dmirijiethom. It-tweġiba li dejjem ingħataw kienet li fejn jidħlu kundizzjonijiet, huwa l-gvern tal-pajjiż li jiddeċiedi dwar dan. Fi kliem ieħor ma hemmx liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea li jirregolaw il-kundizzjonijiet tal-pulizija. Madankollu, tajjeb li jingħad li fl-Ewropa tezisti organizzazzjoni, bl-isem ta' EuroCOP li tħaddan fiha organizzazzjonijiet tal-pulizija minn 19-il pajjiż Ewropew (ara l-lista hawn taħt) li xogħolha hu li tipprova ssemma leħen il-pulizija fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

EuroCOP tfisser Konfederazzjoni Ewropea tal-Pulizija. Il-EuroCOP twaqqfet fl-2002 u sa llum tirrappreżenta mas-600,000 pulizija. L-organizzazzjoni hi bbażata fil-Lussemburgu. Din l-għaqda hi indipendenti u sekulari u ma għandha l-ebda affiljazzjoni ma' xi gvern jew partit politiku. Is-sħubija fil-EuroCOP hi miftuħa għal pajjiżi Ewropej, kemm dawk li huma membri fl-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk li huma parti mill-Kunsill ta' l-Ewropa. Minn kemm ilha li twaqqfet, EuroCOP ħadmet ħafna biex iżżid il-koperazzjoni Ewropea fis-settur tal-pulizija, iżżid ukoll l-għarfien dwar kwistjonijiet li jolqtu l-ħarsien tal-pulizija fuq livell Ewropew u biex ikun hemm vuċi waħda u ta' min jorbot fuqha li tkun tista' titkellem f'isem il-pulizija f'livell Ewropew.

Bħala eżempju ta' x'qed tagħmel din il-Konfederazzjoni b'risq il-pulizija, fit-3 ta' Novembru li għadda f'Londra EuroCOP ħarġet riżoluzzjoni dwar id-dimensjoni soċjali *fl-istandards* u l-integrità tal-pulizija fl-Ewropa. F'din ir-riżoluzzjoni, l-għaqdiet membri fil-EuroCOP appellaw lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet Ewropej biex:

a. ikunu stabbiliti *standards* minimi komuni rigward is-sigurtà ekonomika u soċjali tal-pulizija bbazati fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa ħalli jitfassal Kodiċi ta' Etika Ewropea għall-Pulizija.

b. tkun sorveljata l-implimentazzjoni ta' dawn *l-istandards* ma' l-Istati Membri kollha permezz ta' awtorità indipendenti

ċ. ikun stabbilit djalogu soċjali ma' organizzazzjonijiet rapprezentattivi tal-pulizija f'livell Ewropew ħalli jkunu ttrattati kwistjonijiet li jaffettwaw is-servizzi tal-pulizija madwar l-Unjoni Ewropea.

d. biex jekk hemm bzonn, jiddewwem it-tkabbir taż-Żona ta' Schengen biex ikun assigurat li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet ħalli jkun hemm implimentazzjoni effiċjenti tal-ftehim ta' Schengen.

Il-website ta' EuroCOP hija:
*http://www.eurocop-police.org*

Il-pajjiżi li għandhom għaqdiet tal-pulizija membri ta' EuroCOP mill-Unjoni Ewropea: Awstrija, Belgju, Danimarka, Finlandja, Ġermanja, Greċja, Irlanda, Italja, Lussemburgu, Renju Unit, Repubblika Slovakka, Slovenja, Spanja, Svezja.

Mill-bqija ta' l-Ewropa: Islanda, Monako, Norveġja, Rumanija, Svizzera

minn Carmel Attard
A/Kap taċ-Ċentru Informazzjoni Malta-UE

mic
MALTA-EU
INFORMATION CENTRE
Ċentru Informazzjoni Malta - UE
Indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta
Telefon: 2590 9192
E- mail: euinfo.mic@gov.mt Website: www.mic.org.mt

# Għoti ta' ċertifikati ta' Mertu



Nhar il-11 ta' Ottubru, 2005 ingħataw ċertifikati ta' mertu mill-Kummissarju s-Sur John Rizzo lill-erba' membri tal-Korp. Dawn l-erba' membri huma s-Surġent 1355 Cleon Pursehouse, il-Kuntistabbli 1213 Carlos Axisa, il-Kuntistabbli 995 Stephen Falzon u l-Kuntistabbli 882 John Falzon.

Is-Surġent Cleon Pursehouse u l-Kuntistabbli Carlos Axisa, it-tnejn stazzjonati t-Taqsima ta' Kontra d-Droga tal-Pulizija, fit-2 ta' Frar 2005 għal ħabta ta' nofsinhar ġewwa Buġibba qabdu priġunier li kien ħarab mill-Isptar San Luqa ġurnata qabel. Fi x'ħin dan il-priġunier ra liż-żewġ membri tal-Korp ħarab. Iż-żewġ membri tal-Korp ġrew wara l-priġunier f'diversi toroq f'Buġibba sakemm il-priġunier ġie arrestat.



Il-Kuntistabbli Stephen Falzon, stazzjonat it-Taqsima tat-Traffiku u l-Kuntistabbli John Falzon, stazzjonat



l-ALE, nhar is-16 ta' Lulju 2005 waqt li ma kienux xogħol, qabdu żewġ persuni eżatt wara li kienu ikkomettew serqa. Iż-żewġ Kuntistabbli kienu qedin fil-Bajja ta' l-Għadira mal-familjari tagħhom meta innutaw żewġ persuni suspettużi ħdejn basket li kienu waħdu fuq il-bajja. Ftit wara dawn iż-żewġ persuni ħadu dan il-basket li wara rriżulta li kien ta' terzi persuni. Iż-żewġ Kuntistabbli li inzertaw kien fuq il-post immedjatament arrestaw liż-żewġ ħallelin.





Through our network of offices in **NEW YORK, SAO PAULO, LONDON, MALTA, ISTANBUL, MOSCOW, MUMBAI** and **SINGAPORE** we can make a world of difference.

**FIMBank p.l.c.** 7th Floor, The Plaza Commercial Centre, Bisazza Street, Sliema SLM 15 - Malta
Tel : +356 21322100 Fax : +356 21322122/3 www.fimbank.com info@fimbank.com

FIMBANK

A GLOBAL FORCE IN TRADE FINANCE


Heineken
Beer
Heineken
meet you there
Exclusive Distributors: Charles Grech & Co. Ltd. Tel: 2144 4400 Fax: 2144 4417

# 2nd Valletta Military Tattoo 2005



PS 772 D. Aguis

Avveniment li llum il-ġurnata daħal fil-kalendarju ta' attivitajiet esterni tal-Korp tal-Pulizija, huwa l-involviment tal-Banda tal-Korp u l-*Precision Drill Team* fil-Valletta *Military Tattoo,* avveniment kulturali annwali li jiġi organizzat mill-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta. Dan jagħmel ġieh mhux biss lil dawk il-membri li ħadu sehem, imma lill-Korp kollu. Dan jixhed mill-bosta ittri u kummenti li l-Korp irċieva wara dan l-avveniment.

Barra l-parteċipazzjoni tal-membri tal-Korp, dan l-avveniment kien imżewwaq b'attrazzjonijiet folkloristiċi, fejn l-arloġġ jerġa' lura fiż-żmien biex b'hekk inkunu ippreżentati b'mumenti tipiċi minn dak li seħħ u għaddew minnu missirijietna.







| | | | |
|---|---|---|---|
| TO: | Mr John Rizzo, Commissioner of Police | DATE: | 17th October 2005 |
| FAX NO: | | | |
| FROM. | Joe Galea, Senior Manager | TOTAL NO OF PAGES: | One |
| FAX NO: | | | |
| SUBJECT | Military Tattoo | | |

Dear Mr Rizzo

My wife and I had the opportunity to watch the Tattoo at St George's Square last Sunday

I want to take the opportunity to congratulate you for the impeccable performance by the Malta Police Band and the Precision Drill Unit. You really raised Malta's name very high

Congratulations to All

Yours sincerely

Joe Galea

Ikun opportun li din l-esperjenza tiġi maqsuma mal-membri tal-Korp minn nies li esperjenzaw din il-ġurnata, nies li serqu x-xena ta' l-ispettaklu fil-jumejn li ħadu sehem, nies li għollew l-isem tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta fil-għoli.



**Spettur Stephen Mallia**
**Drill Team Commander**

Ma setgħax jonqos li għat-tieni sena konsekuttiva, il-Korp tal-Pulizija jkun rappreżentat f'wieħed mill-ikbar avvenimenti kulturali u annwali f'pajjizna, dak magħruf bħala l-*Valletta Military Tattoo* li sar f'Ottubru li għadda. Bħas-sena ta' qabel, għal din it-tieni edizzjoni tat-Tattoo, ħadu sehem diversi rappreżentanti minn pajjiżi barranin permezz ta' diversi baned kemm militari u kemm m'humiex. Il-Precision Drill Team flimkien mall-Banda tal-Korp tal-Pulizija konna qed nirraprezentaw lil Korp tal-Pulizija.

Bill-limitazzjonijiet kollha tagħna, l-aktar minħabba l-fatt li l-ewwel prijorita' tagħna hija l-qadi ta' dmirijietna lejn iċ-ċittadin fil-qasam kriminali u żamma tal-paċi u l-ordni pubblika, aħna lkoll kburin bis-sehem professjonali li tajna f'dan l-avveniment. Sehem li wera' kemm għandna kapaċitajiet li jħabbtuha tajjeb ma' tal-barranin, u hawn xtaqt nirringrazzja lill-membri kollha tad-Drill Team ta' l-impenn tagħhom għax aħna biss nifhmu d-diffikultajiet li nħabbtu wiċċna magħhom meta nsibu ruħna f'dik l-arena mballata daqs bajda bin-nies, f'dawl artifiċjali, u ħafna ċirkostanzi oħra li jinqalaw fl-aħħar ħinijiet.

Wieħed irid ukoll jikkonsidra li għalkemm aħna onorati li nagħmlu parti minn din il-vetrina tal-Korp, iċ-ċittadin jippretendi l-massimu minnha fejn tidħol abilta' bl-azzarini, dixxiplina, *smartness* u drill bi preċizjoni. B'dana kollu b'wiċċi minn quddiem ngħid li bħala Team erġajna bħal dejjem qomna għall-okkażjoni u żammejna mal-motto tagħna ta' *'Ritmu, Eleganza u Preċizjoni'.* L-applawsi kbar u l-kummenti li qlajna jixhdu dan u hawn nixtieq ukoll nifraħ lil Banda tal-Korp li wkoll għamlulna ġieh bil-wirja attrajenti li għamlu. Jiena nistaqsi: X'kapaċi nagħmlu mela, li kieku għandna iżjed ħin u fakultajiet biex nitħarġu għall-dawn il-wirjiet?



Nixtieq nirringrazzja lil Kummissarju tal-Pulizija talli aċċetta l-istedina ta' l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta biex stajna nipparteċipaw u wkoll nirringrazzja lill-organizzaturi tal-ħidma tagħhom biex tellgħu avveniment bħal dan li jpoġġi lil pajjizna fuq l-istess skala



# ALL SPOTS LEAVE THEIR MARK .....SOME CUTE SOME NOT.

Appearances speak volumes about us. That is why we, at MEPA, do our utmost to ensure that we safeguard our cultural heritage, particularly the traditional characteristics on the facades of our houses.

The facades of our urban dwellings were not designed with air-conditioning units in mind. Neither were the units designed to look complementary to facades in particular those in Urban Conservation Areas (UCA).

Some units are fixed to facades because it is the simplest and cheapest method of installation. Others end up there because the establishment has restricted alternative possibilities.

It is illegal to fix any element to a façade without a Development Permit. Therefore, air-conditioning units fixed to facades are illegal.

MEPA is offering alternative solutions to placing these units on facades. Should one wish to know more one may call MEPA on 2290 0000 or www.mepa.org.mt

www.mepa.org.mt

MEPA
MALTA ENVIRONMENT & PLANNING AUTHORITY

ta' avvenimenti simili li jsiru f'diversi pajjiżi oħra.

**Surġent772 Dennis Agius**
**Membru fil-Banda tal-Korp**

Wara l-parteċipazzjoni ta' l-ewwel Valletta Military Tattoo tas-sena l-oħra, il-Banda tal-Korp tal-Pulizija għal darba oħra kienet mistiedna biex tieħu sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena wkoll. Wara l-ewwel lagħqa ta' nformazzjoni li saret mill-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta kienu mħabbra l-parteċipanti ta' din is-sena, li fost il-baned li





kienu ġejjien Malta kien ser ikun hemm il-banda tal- *Pipes and Drums Band of the 1st Battalion of the Black Watch Royal Highland Regiment,* banda li hi rinomata mad-dinja kollha. Din l-informazzjoni kienet biżżejjed biex il-Banda tal-Korp tipprepara tajjeb, xi ħaġa mill-aktar spettakulari kif fil-fatt dejjem għamlet.



GRAZZI

Nhar il-hadd, 16ta' Ottubru 2005, kelli l-opportunita li nattendi ghal '*Military Tatoo*' li saret fi Pjazza San Gorg maghrufa bhala il-'*Main Guard*' Ghal din il-parata ippartecipaw, Il-banda u s-Silent Drill tal-Pulizija, Il-Banda tal - Forzi Armati, u xi baned barranin.

Li kieku kelli nipprezenta xi midalji, kont naghzel lis-Silent Drill li taw wirja profesjonali, w lill - banda tal-Pulizija li fil fehma tieghi tat l-ahjar wirja fost il-baned.

Minn qalbi nixtieq nghati prosit lill Ispettur Stephen Mallia, lill Ispettur Anthony Cassar u lill dawk il-membri tal-korp kollha li ippartecipaw f'din l-okkazzjoni.

Prosit.

Keep it up.

Wieħed irid iqis l-impenji li jkollha l-Banda matul is-sena, fejn sa mill-bidu tas-sajf il-Banda tibda l-preparamenti tagħha fejn ħadet sehem fil-parata nazzjonali *tas-Sette Gunio*, fejn immedjatament bdew it-tħejjijiet għal numru ta' kunċerti għall-irrekordjar tat-tieni *Compact Disk* li mistennija toħroġ dalwaqt. Tħejjijiet oħra kienu għal-ġimgħa mill-aktar impenjattiva tal-*Police Week*, u preparamenti oħra saru għal mawra tal-Banda ġewwa Sqallija, (rapportat ukoll f'dan il-magazine). Impenji oħra kienu l-involviment fiċ-ċelebrazzjonijiet għall-festa Nazzjonali tat-tmienja ta' Settembru ġewwa l-gżira ta' Għawdex, u l-involviment fil-*Valletta Military Tattoo.*

Meta ovvjament tkun taf minn huma l-iljuni li ħa tkun tħabbata magħhom, il-preparamenti ma jonqsux, hu hawn wieħed irid isemmi l-isforz kollettiv minn kull bandist, li sar fi żmien rellativament qasir għal dan it-tip ta' avveniment. Mal-banda li semmejt aktar qabel kienu ser jipparteċipaw mill-Ingilterra *is-South Yorkshire Police Band,* minn *Wales Cadets of the 3rd Battalion* Wales *Regiment,* u banda minn Skola tal-Mużika mir-Repubblika Ċeka li kienu akkumpanjati minn grupp ta' Majorettes, flimkien ma banda oħra Maltija, dik tal-Forzi Armati ta' Malta.

Wieħed ma jistax imaqdar lil Baned barranin li ħallew impressjoni tajba kif eżattament kien mistenni, pero' hu ta' sodissfazzjon kbir li meta jiġu fuqek nies u jgħidulek **PROSIT! IL-KORP GĦAMILNI KBURI LI JIEN MALTI.** U dan jingħad ukoll għat-team l-ieħor tal-Pulizija - il-Precision Drill Team li bħal dejjem saħru lil pubbliku preżenti bil-preċiżjoni fil-movimenti li jsiru. Pulizija mill-



Banda tal-Yorkshire staqsa kemm konna ilna nitħarġu għal dan l-avveniment u meta infurmajnieh li dak kollu sar f'inqas minn 7 darbiet ta' provi baqa' meraviljuż għaliex il-banda tagħhom, għalkemm mhux banda regolari, tiltaqa' regolarment 4 siegħat fil-ġimgħa!







Prosit lil kull min ta' s-sehem tiegħu taħt it-tmexxija ta' l-Ispettur Anzjan Mro. Anthony Cassar, u mhux inqas lill-Kummissarju s-Sur J. Rizzo li qed jagħti dak kollu li jista' lill-Banda tal-Korp sabiex din tkun ta' suċċess kbir u tpoġġi isem il-Korp tal- Pulizija fuq l-ogħla livell ma' baned aktar kbar u b'saħħithom minna. Dan jista' jixhdu kull minn kien hemm preżenti u ta s-sapport lil Banda. B'daqshekk ma nistgħux nieqfu hemm, il-Banda fadlilha ħafna aktar xi jsir u nispera' li bil-mod il-mod tasal biex tkun aktar kompleta bi strumenti li jridu jiżdiedu bħal kull banda oħra. Il-Banda tal-Korp hija vetrina u mezz ta' kommunikazzjoni mal-pubbliku, u llum nistgħu ngħidu ukoll mad-dinja kollha.







MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

*Ministry for Justice and Home Affairs*

Il-Viċi Prim Ministru

*The Deputy Prime Minister*

28 Novembru 2005

**Messaġġ lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija**

Għan-nom tal-Gvern u f'ismi bħala l-Ministru responsabbli mill-Pulizija, nixtieq ngħaddi nibgħat messaġġ ta` kongratulazzjoni lill-Korp tal-Pulizija għas-sehem importanti li ta sabiex il-laqgħa tal-kapijiet tal-Gvern tal-pajjiżi tal-Commonwealth setgħet issir fl-ordni u s-sigurta` mixtieq. L-impenn tal-membri kollha mill-iċken sa l-ogħla grad huwa prova ta` kemm it-taħrig u l-preparazzjonijiet, li għamiltu intom taħt it-tmexxija tal-Kummissarju f'dawn l-aħħar xhur, taw il-frott mixtieq fil-mument tal-prova.

Dan is-suċċess tal-Pulziija kien dovut għad-dedikazzjoni li wrejtu f`ċirkostanzi diffiċli, speċjalment minħabba il-profil għoli tal-parti kbira tal-kapijiet li attendew . Il-presenza tagħkom f'ħinijiet twal u f`daqstant postijiet fejn kienu qed isiru l-avvenimenti, assiguraw serħan ta` moħħ lil kulħadd, ħaġa li faħħruha id-delegati stess. L-organizazzjoni tat-traffiku kienet organizzata b'mod li filwaqt illi l-avveniment ġie organizzat b`effiċjenza, tinħoloq l-inqas inkonvenjenza lill-pubbliku in ġenerali li ikkoopera bis-sħiħ mal-Pulizija.

Id-dedikazzjoni u ħidma tagħkom xejjnu id-dubji ta` xi wħud ta` fidi zgħira li ddubitaw kemm il-Pulizija Maltija setgħet tlaħħaq ma` avveniment ta` dan it-tip - l-ikbar wieħed li qatt ġie organizzat f`pajjizna. Għal dawn, il-ħidma tagħkom kienet l-isbaħ risposta.

Għal darb`oħra il-Korp tal-Pulizija wera li kapaċi jilqa` l-isfidi li jitpoġġew quddiemu . Tabilħaqq il-Korp kien strumentali sabiex pajjiżna juri lil kulħadd li għalkemm b`riżorsi limitati, hu kapaċi, permezz ta' preparazzjoni u organizazzjoni, li jospita laqgħat ta` din ix-xorta.

Ta' dan il-Gvern hu rikonoxxenti u jinsab sodisfatt li dak kollu li investa fil-Korp tal-Pulizija matul is-snin qed ikompli jagħti il-frott.

Mill-ġdid nifirħilkom u nirringrazzjakom.

**Tonio Borg**
**Viċi Prim Ministru u Ministru**
**tal-Ġustizzja u l-Intern**

Auberge D'Aragon, Pjazza Indipendenza, Valletta - Malta
Tel: +356 2295 7307 Fax: +356 2295 7349
www.mjha.gov.mt

# Where are you shopping at this Christmas?



# At the Price Chopper.

## Where else!

**Our outlets at St.Julian's, Fgura and St. Venera will be open as follows:**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Thursday 8th December | 8.30am - 2.30pm | Sunday 18th December | 8.30am - 2.30pm | Monday 26th December | 8.30am - 3.00pm |
| Sunday 11th December | Closed | Friday 23rd December | 7.30am - 8.00pm | Saturday 31st December | 7.30am - 6.30pm |
| Tuesday 13th December | 8.30am - 2.30pm | Saturday 24th December | 7.30am - 6.30pm | Monday 2nd January | 8.30am - 3.00pm |

Park Towers
THE PRICE CHOPPER
SUPERMARKETS

Spend Lm40 and get 1 free case of local mineral water & 1 free case of local soft drinks, plus an additional Christmas offer.

**Butcher · Delicatessen · Bakery · Fresh Fruit & Veg · Wines & Beverages**

The Mall, Park Towers, St.Julians - Tel: 2137 8520, Fax: 2138 8241 • Gallerija Complex, Fgura - Tel: 2189 6334
Psaila Street, St Venera - 2148 0807, Fax: 2148 5559

# Messaġġ mill-Kappillan tal-Korp



Fr Raymond Bonnici OFM, Cap

*Lill-Editriċi u l-Membri tal-Bord Editorjali ta' "Il-Pulizija" u l-membri kollha tal-Korp*

Nixtieq minn qalbi nirringrazzjakom li kontu daqshekk ġentili biex fl-editorjal ta' l-aħħar ħarġa ta' "Il-Pulizija" fraħtuli għal ħatra tiegħi bħala chaplain tal-Korp tal-Pulizija. Nixtieq nieħu l-okkażżjoni biex nirringrazzja lill-Kummissarju s-Sur John Rizzo u l-Provinċjal tiegħi Fr. Joe Azzopardi OFM CAP., li qablu flimkien li jiena nkompli fil-ħidma pastorali fejn ħalla Patri Raniero. F'dan l-ewwel messaġġ tiegħi lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija nixtieq nintroduċi lili nnifsi. Forsi uħud jafuni f'rwol differenti filwaqt li oħrajn forsi ftit nafu lil xulxin jew xejn.

Illi f'kuntatt mal-Korp tal-Pulizija minn Settembru, 1992 meta ġejt mitlub mis-Superjuri reliġjuzi tiegħi biex inqaddes kull nhar ta' Ħadd lil membri tat-taqsima ta' l-S.A.G. f'Ta' Kandja u fl-istess sena bdejt ukoll nagħti lectures fl-Akkademja tal-Pulizija. Fl-1997 bdejt il-ħidma pastorali tiegħi bħala Chaplain fl-istess Akkademja. Matul il-korsijiet in-service li jsiru minn żmien għal żmien. Kelli l-opportunita' li niltaqa' magħkom f'okkażżjonijiet differenti. Nista' ngħid li dan iż-żmien kollu, jiġifieri mill-1992 'l hawn kien bħala taħriġ biex illum jiena nista' naqdi dmiri bħala Chaplain tal-Korp. Hawnhekk, inħoss li għandi ngħid grazzi kbira lil dawk kollha li matul dawn is-snin għallmuni ħafna biex jiena inkun effettiv fil-ħidma pastorali tiegħi.

Se naqsam magħkom xi tagħrif żgħir dwari u min jixtieq ikun jaf iżjed dejjem jista' jċempilli jew jiġi l-uffiċċju u jsaqsini li jixtieq.

Biss jiena nirriserva d-dritt li nwieġeb ċertu domandi fi stadju ieħor jekk ikun jaqbilli !!!!

Twelidt il-Ħamrun fis-17 ta' Mejju, 1961 u ħadt l-edukazzjoni primarja u sekondarja (il-Liceo) tiegħi hemmhekk. Għamilt l-ewwel professjoni ma' l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini fl-1981 u wara temmejt l-istudji tal-filosofija u t-teoloġija fl-I.N.S.E.R.M. St Venera, ġejt ordnat saċerdot fit-12 ta' Jannar, 1996 minn Mons. Arċisqof G. Mercieca fil-Katidral ta' l-Imdina.

l-ewwel esperjenza pastorali bħala saċerdot kienet fil-paroċċa ta' Marija Reġina fil-Marsa. Iżda ftit wara, f'Settembru 1987 ġejt mibgħut Ruma biex inkompli l-istudji tiegħi fl-Universita' Pontifiċja tal-Lateran fejn għamilt sentejn studju. Matulhom spiċċajt b'Liċenzjat (M.A.) fit-Teoloġija Mqaddsa bi speċjalizazzjoni fit-Teoloġija Pastorali. Wara li ġejt minn Ruma għamilt 3 snin bħala chaplain fl-Isptar Ġenerali ta' San Luqa fejn matul dak iż-żmien l-esperjenza għallmitni kemm hu sabiħ ir-rigal tal-ħajja u kemm irridu nibżgħu għalih. Fl-1992 is-Superjuri Reliġjużi tiegħi talbuni biex immur ngħix fil-Kunvent tagħna fil-Furjana fir-responsabbilta' ta' Direttur ta' l-Istudenti Kapuċċini. Dawn huma dawk li jkunu qegħdin iħejju lilhom infushom biex jagħmlu l-aħħar snin qabel ma jagħmlu l-aħħar professjoni jew jiġi ordnat saċerdot. Kien f'dan il-perjodu fejn bdejt il-kuntatt tiegħi mal-Korp tal-Pulizija u sirt midħla tad-dinja tagħkom.

F'Awissu ta' 2001 bil-permess u l-għajnuna finanzjarja tas-Superjuri Reliġjużi mort fin-New Orleans, fl-istati Uniti fejn għamilt Clinical Pastoral Education (CPE) fil-Police Chaplaincy f'The McFarland Institute & New Orleans Police Department. Kien żmien ta' studju maqgħud ma' ħin fil-ħidma diretta tal-professjoni tal-Pulizija. Inħoss li dan kien perjodu li fih tgħallimt qatigħ. Fil-preżent qiegħed fil-Kunvent tagħna ta' San Ġwann ma' seba' aħwa oħra Kapuċċini.

Nixtieq nagħlaq dan l-ewwel messaġġ tiegħi billi tagħtuni il-possibilta' li nkun iċ-Chaplain tagħkom ilkoll mill-kbir saż-żgħir, dawk li jħossuhom qrib tal-Mulej irid inkun viċin tagħhom biex jgħinu lili nkompli inkun qrib tiegħu. Nixtieq ukoll li nkun qrib dawk li għal xi raġuni jew oħra jħossu li huma 'l bogħod minnu biex ngħinu lil xulxin insibu il-paċi tal-qalb.

Nawgura minn qalbi li dan iż-żmien tal-Milied ikun għalikom żmien li jnissel sliem fil-qalb tagħkom u dawk li huma għeżież għalikom u lin-nies ta' rieda tajba u nagħrfu ngħixu flimkien bħala familja waħda ulied ta' Missier wieħed li jħarisna mill-għoli tas-Smewwiet.

Il-Mulej iberikkom

Fr Raymond Bonnici OFM, Cap

# Żieda fil-Korp tal-Pulizija



Il mitt rekluta flimkien mal-Kummissarju, il-Ministru u l-Kmandant



Spezzjoni tar-rekluti mill-Ministru u l-Kummissarju



Il-ġurament u t-tqassim ta' ċertifikati



Il-Kummissarju jagħmel id-diskors ta' l-okkazzjoni



Il-Ministru jagħmel id-diskors ta' l-okkazzjoni

F'kull familja jkun hemm ferħ kbir meta jkun hemm xi żieda, u l-Korp tal-Pulizija mhux b'inqas. Fit-23 ta' Settembru, 2005, 100 rekluta għaddew minn tranżizzjoni ta' ċittadini biex insejħulhom hekk 'normali' għal protetturi tal-kommunita'.

Ma setgħax jonqos il-ferħ ta' dawk preżenti fejn assistew għal parata li kienet tfisser xejn anqas minn dedikazzjoni, sagrifiċċji u sodisfazzjon li għaddew minnu dawn il-mitt rekluta fil-ħames xhur li għaddew ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija. Fost dawk preżenti jassistu dan l-avveniment kien hemm ġenituri, għalliema, nies distinti u l-għola Uffiċjali tal-Korp.

Għalkemm kulħadd ikun qiegħed jistenna bil-ħerqa din il-ġurnata, meta fl-aħħar jissejjaħ kuntistabbli u mhux iżjed rekluta, il-ġurnata nnifsa iġġib magħha tensjoni u sensazzjoni ta' ferħ u dwejjaq. Ferħ għax fl-aħħar bħala grupp irnexxew flimkien f'dak kollu li għamlu – kemm fit-tajjeb kif ukoll fil-ħazin, u fid-dwejjaq għax issa ser jinfirdu sabiex iwettqu xogħol li emmnu li kapaċi jagħmlu meta rrispondew għas-sejħa ta' reklutaġġ.

Kors li kien ifisser ħames xhur ta' ħidma u tagħlim fis-suġġett li jkopru minn liġijiet u qadi ta' doveri, proċeduri investigattivi, interpersonal u communication skills u suġġetti oħra li jsawru l-ħidma ta' kuljum ta' kull Pulizija. Bħal kull sena sar ukoll xogħol fil-kommunita' mad-diversi istituzzjonijiet madwar Malta kif ukoll saret għotja ta' demm.

Il-pass-out parade kif inhija magħrufa aħjar din il-ġurnata bdiet b'march pass mir-rekluti, l-Banda tal-Korp u kuntistabblijiet li waslu għar-rank ta' surġenti. Wara li kulħadd sab postu fil-bitħa, ingħata s-salut mal-wasliet tal-Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur John Rizzo u l-Ministru tal-Ġustizja u Intern l-Hon. Dr Tonio Borg LL.D.. Il-Kmandant taċ-ċerimonja, is-Supretendent Raymond G Zammit stieden lill-Kummissarju u l-Ministru sabiex jispezzjonaw ir-rekluti.

Il-parata tradizzjonali tmexxiet mis-Supretendent Raymond G Zammit li kien megħejjun mis-Surġenti Kevin Vella u Frans Schembri. Il-kontinġent kien ukoll akkumpanjat mill-Banda tal-Pulizija fejn daqqet diversi biċċiet mużikali.



WPS93 C. Fabri

Il-qofol tal-ġurnata ntlaħaq mal-qari tal-ġurament li jiġbor fih is-sinifikat kollu ta' xi jfisser tkun Pulizija. Wara saret il-premjazzjoni lil ewwel tlett rekluti ta' dan il-kors, PPC47, WPPC57 u PPC41, kif ukoll ingħatat ix-Shield Mark Farrugia Award lil PPC1319 bħala l-aħjar rekluta ta' dan il-kors.

Id-diskorsi ta' l-okkazzjoni li saru mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo u l-Ministru ta' l-Ġustizzja u l-Intern l-Hon. Dr Tonio Borg LL.D. ser inħalluhom fl-oriġinalita' tagħhom.

**Diskors tal-Kummissarju**

*Prosit għeżież kollegi. Nifirħilkom għas-suċċess li kellkom f'dan il-kors ta' taħriġ li għadkom kif temmejtu. Huwa pjaċir kbir tiegħi li nilqagħkom fi ħdan il-Korp. Illum huwa jum speċjali, jum ta' ċelebrazzjoni u ta' ferħ kemm għalikom kif ukoll għall-membri tal-familja tagħkom. Kważi ħames xhur ilu ltqajtu għall-ewwel darba hawn fl-Akkademja tal-Pulizija bi ftit jew xejn esperjenza ta' xi jfisser il-Korp tal-Pulizija. Illum it-tagħrif tagħkom dwar il-Korp huwa ħafna akbar.*

*Kien kors intensiv ħafna, fejn fih għalimnikom diversi suġġetti li jinkludu liġijiet, investigazzjonijiet ta' diversi tipi ta' delitti kriminali, edukazzjoni, etika u customer care, storja, taħriġ fl-amministrazzjoni, dixxiplina u ħafna suġġetti oħra li uħud minnhom ġew mgħallma għall-ewwel darba f'dan il-kors. Għalimnikom dak kollu biex fil-qadi tad-doveri tagħkom lill-kommunita' tkunu aktar effiċjenti u professjonali. Nispera li ż-żmien li għamiltu magħna fl-Akkademja kien wieħed pożittiv.*

*Dan ma jfissirx issa li sirna Pulizija, sirna bravi f'kollox u m'għadx fadal għalfejn inkomplu nistudjaw. Fil-Korp tal-Pulizija dan mhuwiex il-każ. It-tagħlim huwa mportanti għal kulħadd. Għad fadal ħafna u ħafna x' titgħallmu. L-esperjenza li ħa tiksbu fil-qadi tad-doveri tagħkom hija mportanti ħafna, pero' t-tagħlim u t-taħriġ fil-liġijiet u suġġetti oħra relatati max-xogħol tagħna huwa daqstant importanti. It-tagħlim huwa l-għodda tagħna. Importanti li nkunu ppreparati u mħarrġa sew fis-servizz tagħna liċ-ċittadin. Il-Korp joffri diversi opportunitajiet għal min jixtieq jagħmel karriera fi ħdanu.*

mse

**The Malta Stock Exchange forms an important part of the local financial sector and is at the forefront of Malta's drive to become a major international financial centre.**

### LEGAL AND REGULATORY FRAMEWORK

Internationally recognised legislative and regulatory standards

### ADMISSION

Simple and flexible regulations • Fast admission process • Competitive fees

### TRADING

Multi-currency/multi-instrument electronic trading system • Transparent and regulated markets • Straight through processing
Integrated surveillance system

### BACK OFFICE SERVICES

Clearing and Settlement • Dematerialised Central Securities Depository offering a variety of services
Legal services • Dissemination of market and company information

FIDEM INTEGRITAS PARIT

BORŻA TA' MALTA
MALTA STOCK EXCHANGE

Malta Stock Exchange is full member of:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **FESE** | - Federation of European Securities Exchange | **ECMI** | - European Capital Markets Institute |
| **IOSCO** | - International Organisation of Securities Commission | **ECGI** | - European Corporate Governance Institute |
| **WFE** | - World Federation of Exchanges | **ISSA** | - International Securities Services Association |

**For further information on the organisation of the MSE, legal and regulatory framework, policies, services, statistics and other information kindly view www.borzamalta.com.mt or else contact the Exchange at: Garrison Chapel, Castille Place, Valletta CMR 01, Malta. Tel: (00356) 2124 4051, Fax: (00356) 2569 6316, E-mail: borza@borzamalta.com.mt**









Best over all recruit li rebaħ il-Mark Farrugia Award



Il-ħatra ta' tletin Surġent

*Minn hawn u ftit ieħor se tieħdu l-ġurament tal-ħatra, ġurament ta' onesta', lealta' u ntegrita' lejn iċ-ċittadin u r-Repubblika ta' Malta. Ġurament li naqdu d-doveri tagħna mingħajr biża' jew favuri. Aħna t-tarka taċ-ċittadin, is-salvaturi tal-vittmi tal-kriminalita' u ta' dawk il-persuni li d-drittijiet tagħhom jiġu mkasbra. Mill-llum intom se ssiru Pulizija tar-Repubblika ta' Malta. Mal-ħatra se jkollkom diversi poteri li ċ-ċittadin normali ma jkollux. Importanti li dawn il-poteri nużawhom sew u dejjem skond kif titlob il-liġi. Qatt tabbużaw mill-poteri tagħkom. Taħt it-tlelliex ta' l-uniformi għandna responsabiltajiet kbar, bħal responsabiltajiet li niddefendu kull ħin liċ-ċittadin minn dak kollu li hu ħażin. Meta ħaddieħor jitlaq jiġri mill-periklu biex jevita' l-inkwiet, aħna rridu niġru lejn il-periklu ħa nagħtu l-għajnuna kollha li tkun meħtieġa minna.*

*Kunu dejjem eżemplari fl-imġieba tagħkom. Ftakru li l-ħażin tagħna, bħala membri tal-Korp huwa ħafna ħafna akbar minn dak li jagħmel ċittadin ieħor li mhux membru tal-Korp. L-uniformi hija s-simbolu tas-sewwa, tal-ġustizzja u tal-ħaqq. Tkasbruhiex. Ejja nilbsuha b'għożża u b'rispett. Ejja ħa nkunu ambaxxaturi denji tal-Korp tal-Pulizija. B'hekk biss nirbħu r-rispett li bi dritt nemmnu li għandu jkollna.*

*Nawguralkom karriera twila mimlija suċċessi fi ħdan il-Korp.*

*J'Alla l-Mulej iżomm idejh fuqkom.*

***Diskors tal-Ministru***

*Huwa ta' pjaċir għalija li għal darb'oħra nikteb messaġġ fl-okkazjoni tal-ħatra ta' 100 kuntistabbli ġodda li ser ikabbru l-familja tal-Pulizija. Dan wara li dawn ir-rekluti għamlu kors estensiv ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija. Dan kien is-sitta u għoxrin kors minn meta twaqqfet l-Akkademja fl-1988.*

*L-okkażjoni tal-lum inqisha bħala pass ieħor fil-mixja lejn it-twettieq tal-wegħdiet li nżidu n-numru ta' Pulizija, li ngħollu l-livell ta' edukazzjoni, intejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u nfornuhom bl-għodod kollha li jkollhom bżonn biex iwettqu x-xogħol tagħhom bl-ikbar effiċjenza possibbli.*
*Fl-aħħar snin il-Gvern investa ħafna fil-Pulizija. Żdiedu s-salarji, l-allowances u l-overtime. Kibret sew in-nefqa kapitali biex setgħu jinxtraw vetturi ġodda u tagħmir ta' l-iktar teknoloġija moderna biex jgħin lill-Pulizija taħdem b'iktar effiċjenza.*

*Il-Gvern ħa ħsieb ukoll biex itejjeb l-ambjent li fih jaħdmu il-membri tal-Korp tal-Pulizija. Numru ta' għasses ġew restawrati u nbena kumpless amministrattiv ġdid fejn il-Pulizija tista' taħdem b'iktar kumdita' u l-pubbliku jinqeda f'ambjent pjaċevoli.*

*Dan l-investiment ta' r-riżultati mixtieqa u dan jidher fis-suċċessi li l-Pulizija kellhom f'dawn l-aħħar xhur fil-glieda kontra l-kriminalita' organizzata, fosthom qabdiet konsiderevoli ta' droga kif ukoll importazzjoni ta' oġġetti foloz.*

*Xogħol il-Pulizija mhux xogħol faċli. Huwa xogħol li jrid dedikazzjoni. Imma xogħol li jaf jagħti sodisfazzjon. Waqt li f'isem il-pubbliku Malti nirringrazzjakom talli weġibtu b'mod pozittiv għas-sejħa biex issiru membri tal-Korp, nawguralkom minn qalbi kull suċċess. Ninsab konvint li l-Korp tal-Pulizija bis-saħħa tagħkom ser ikun ta' servizz aħjar għal poplu Malti u Għawdxi.*

*F'din l-okkazzjoni ħadna l-kummenti tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, il-Kmandant ta' l-Akkademja, Ġenitur, Tutur u Ġurnalist preżenti għaċ-ċerimonja.*

Staqsejna lill-Kummissarju s-Sur John Rizzo xi jfisser għalih li l-Korp għandu għad-dispożizzjoni tiegħu mitt membru ġdid.

*L-ewwel ħaġa li tiġini f'moħħi huwa l-fatt li l-familja tal-Pulizija ser tiġber b'mitt ruħ, mela m' hemmx dubju li bħala Kummissarju tfisser ħafna u ħafna. Bħal ma taf, aħna jkollna ċertu diffikultajiet biex mhux biss minnanjaw l-Għases tagħna imma biex inlaħqu mal-commitments kbar li jrid ilaħħaq magħhom il-Korp, l-festi ta' matul is-sajf, sports – fejn jidħlu ż-żwiemel, il-waterpolo, basketball, u l-football. Biex ngħidu hekk dawn huma tip ta' commitments li jidrejnawlek is-saħħa tal-Korp, pero' apparti dan, il-Korp għandu responsabbiltajiet oħra kbar li ma jistgħax jonqos minnhom għal ebda raġuni, bħal li jkompli għaddej bl-infurzar tal-liġijiet. U meta nitkellem*

*fuq infurzar tal-liġijiet infisser fuq kull front – ALE, Droga, CID, terrorizmu, Cyber Crime, Economic Crimes, huma x'inhuma il-Korp dejjem irid ikun ippreparat għal kull eventwalita'. Jiena nemmen li l-poplu jew aħjar iċ-ċittadin ma jistax jifhem li l-Korp ma kienx f'pożizzjoni li jagħti dak is-servizz mitlub minnu, u mistenni minnu. Ma ngħidx biss jagħti servizz, anzi jagħti servizz bl-akbar effiċjenza u bl-akbar professjonalita'.*

*Mela jum bħal dan meta nara 100 rekluta oħra li ngħaqdu mal-Korp tal-Pulizija, dak huwa l-ewwel ħsieb li jiġini. Ovvjament ħsibijiet oħra huma kemm illum żviluppa l-Korp, kemm kibret il-familja, kemm kiber l-għerf fi ħdan il-Korp – biżżejjed wieħed iħares lejn dan il-kors, kors ta' ħames xhur intensiv għal aħħar, fejn għallimna diversi suġġetti u ntroduċejna mill-inqas mall-15-il suġġett ġdid, kemm jekk huwa terroriżmu, kemm jekk huwa immigrazzjoni, cyber crime, Europol, Siren eċċettera.*

*Beda b'mija u spiċċa b'mija li hija xi ħaġa pożittiva u sabiħa. Apparti l-feedback sabiħ li għandi, nista' ngħid li kien wieħed mill-aqwa korsijiet li kellna. Dawn huma kollha affarijiet sbieħ, affarijiet pożittivi, huma kollha affarijiet li llum għalija nħobb insejħilha jum ta ferħ, mhux biss għar-rekluti u l-familji tagħhom imma għalina l-uffiċjali tal-Korp, li llum il-Korp tal-Pulizija huwa familja. Illum il-familja tal-Korp kibret b'mitt ruħ oħra. Hemm l-enerġija, entużjażmu u huwa opportun li wieħed jagħqad flimkien l-entużjażmu ma' l-esperjenza. Huwa mportanti li jkun hemm bilanċ kif fil-fatt huwa mportanti li jkun hemm bilanċ fil-ħajja. Nemmen li b'dan il-mod il-Korp jimxi 'l quddiem u ħafna aħjar u jkun preparat ħafna aħjar fil-qadi tad-doveri tiegħu, fil-qadi tas-servizzi tiegħu lil kommunita'. Grazzi*

Il-Ministru l-Onor Dr Tonio Borg staqsejnieh xi jfisser għalih jattendi għal okkażżjoni bħal din wara 10 snin Ministru tal-Pulizija.

*Qisa dejjem xi ħaġa ġdida – f'dak li huwa sodisfazzjon għax dejjem qed naraw illi maż-żmien iktar ma jitħarġu l-Pulizija iktar qed ikollhom ċertu taħriġ li jgħinhom minħabba li l-kriminalita' organizzata qed isir iktar professjonali. Għalhekk aħna rridu nkunu iktar professjonali, iridu nkunu iktar imħarġin, irid ikollna t-tagħmir neċessarju. Jien ma nemminx biss fin-numri fil-Korp tal-Pulizija, li huma mportanti wkoll, imma għandek l-investiment fit-tagħmir forensiku, kif ukoll fit-taħriġ innifsu. Jien aħjar ikolli grupp ta' Pulizija mħarreġ tajjeb milli ħafna Pulizija mhux imħarġin. U allura jien dejjem nara l-progress li qed jagħmel il-Korp tal-Pulizija u allura okkażjoni hija differenti minn oħra.*

Il-Kmandant ta' l-Akkademja, is-Sur Ronald Kelly staqsejnih xi tfisser għalih din il-ġurnata bħala l-ewwel sena tiegħu ta' Kmandant.

Il-kors ta` reklutaġġ li ġie fi tmiemu llum għalkemm kien is-26 wieħed minn meta twaqqfet l-Akkademja tal-Pulizija kien l-ewwel esperjenza tiegħi bħala Kmandant ta` l-istess Akkademja tal-Pulizija.

*Waqt li ma hiniex ngħid li kien mertu tiegħi, kien ta` sodisfazzjon u ta` nkoraġġiment għalija li l-mitt rekluta li kienu bdew dan il-kors ta` taħriġ baqa` konsistenti sal-ġurnata tal-gradwazzjoni.*

*Fl-iskola tal-Pulizija l-istudenti jirċievu tagħlim b`mod estensiv f`dawk is-suġġetti li huma l-aktar neċessarji sabiex wieħed ikun kapaċi jaqdi d-doveri tiegħu bħala membru tal-Korp b`mod professjonali li jagħmel ġieh lill-Korp tal-Pulizija u li jkun ta` sodisfazzjon għaċ-ċittadin. Daqs kemm wieħed li jkun għadu kif għadda mit-test tas-sewqan ma jistgħax jgħid li la għadda mit-test ma għandux għalfejn jipprattika aktar, hekk ukoll kull membru tal-Korp li jiggradwa mill-Akkademja m' għandux jgħid li issa hu kwalifikat u mħarreġ biżżejjed u m' għandux għalfejn jistudja aktar u jaġġorna ruħu ma` liġijiet, regolamenti u dawk is-suġġetti l-oħra kollha.*

*Hawnhekk jiena nappella, anzi nitlob lil membri tal-Korp, inkluż lill-fizzjali, li issa r-responsabbilta' ta` dawn il-Pulizija ġodda waqgħet fuqhom sabiex bħala għalliema, jgħinuhom u jigwidawhom sabiex jitgħalmu fil-prattika dak li jkunu tgħallmu fl-Akkademja*

Preżenti kien hemm ukoll il-ġurnalisti u għalhekk staqsejna wieħed minnhom kif jara din il-ġurnata.



Il-Banda tal-Pulizija



Il-mument tant mistenni minn kulħadd

*Naħseb li din hija attivita' pożittiva ħafna. Huwa pożittiv li tara mitt Pulizija ġdid. It-tisħiħ tal-Korp huwa xi ħaġa mportanti ħafna. Naħseb li l-aspett pożittiv tagħha huwa illi b'dawn ir-rekluti ġodda jidhru li huma konvinti mill-għazla li għamlu. Naħseb l-aktar element importanti huwa li huma konvinti mill-għazla li għamlu, għaliex jiena nemmen illi karriera fil-Korp tal-Pulziija mhux just another career. J'Alla li huma verament għażlu din il-karriera għaliex jemmnu fiha u għaliex jemmnu li jistgħu jagħtu kontribut. Naħseb kien importanti wkoll l-emfazi li saru fid-diskorsi tal-Kummissarju fuq il-lealta' u fuq ir-rispett lejn l-uniformi u lejn iċ-ċittadin. Naħseb illi dawn il-Pulizija għandhom ipoġġu ċ-ċittadini l-ewwel u qabel kollox fil-qadi tad-doveri tagħhom.*

Ma setgħax jonqos li kumment ieħor jittiehed minn waħda mill-lecturers.

*Bħal llum għalija hija ġurnata ta' sodisfazzjon daqs kemm hija għall-istudenti tiegħi. Nara żgur bidla enormi fihom – mill-istudenti li kienu fil-bidu nett għal ġuvintur u tfajliet li huma llum – li huma rġiel u nisa. Fil-bidu kont ngħidilhom jiena "dħaltu nies u ħerġin oħrajn". Għandi fiduċja fihom u nemmen li hemm ħafna materjal tajjeb. Nispera u nemmen li ser ikunu uffiċjali verament tajbin.*


DEDICATED MICROS (MALTA) LTD
We put MALTA's SECURITY needs UNDER THE SPOTLIGHT
Technological developments pioneered by
DEDICATED MICROS
have formed the building blocks for the success of today's CCTV Industry. Those building blocks form the core architecture of DM's Networked Server Products. When you choose a DM product you buy DM's fundamental design philosophies.
MALTA INTERNATIONAL AIRPORT
BANK MACH
www.dedicatedmicros.com
Industrial Estate, San Gwann. E-Mail: sales@dmicros.com.mt • For more information call
PSI Product of the Year Awards 2003
WINNER
IFSEC
SECURITY INDUSTRY AWARDS
2·0·0·1
WINNER
IFSEC
SECURITY INDUSTRY AWARDS
WINNER
2·0·0·2
DEDICATED MICROS
Tel: 21 483 673



PC 1155 C. Mangion
CMRU

# Ir-Raba' Distrett

Fl-edizzjonijiet passati tal-Magazine tal-Pulizja laqqajna lill-qarreja tagħna ma' l-ewwel, it-tieni u t-tielet distrett, kif ukoll b'mod partikolari ma' l-ex Supretendent Carmelo Magro (l-Ewwel Distrett), mas-Supretendent Joseph Valletta (it-Tieni Distrett) u mas-Supretendent Ronald Cilia (it-Tielet Distrett) issa jmiss li nlaqqawkom mar-Raba' Distrett.

Ir-Raba' Distrett hu maqsum f'żewġ diviżjonijiet, dik magħrufa bħala Diviżjoni 'G' iffurmata minn Bormla, l-Isla, l-Birgu u l-Kalkara, fi ftit kliem il-Kottonera u d-Diviżjoni 'H' li fiha tiġbor Ħaż-Żabbar, ix-Xagħjra u Marsaskala. L-Għasses ewlenin fir-Raba Distrett huma dawk ta' Bormla u ta' Ħaż-Żabbar bill *main station* tkun dik ta' Bormla. Hawnekk wieħed isib żewġ Spetturi inkarigati mid-Diviżjonijiet relattivi. Tkellimna ma' l-Ispettur Alfred Mallia li hu nkarigat mid-Divizjoni 'G', u hu stazzjonat fl-Għassa ta' Bormla.

L-Ispettur Mallia daħal fil-Korp tal-Pulizija f'Diċembru ta' l-1984 u kien stazzjonat fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani fil-Kwartieri Ġenerali fil-Furjana. Fl-1986 laħaq Surġent u f'dan ir-rank qeda dmirijietu fl-Għasses ta' Ħal Qormi, il-Furjana, Birżebbugia, il-Belt Valletta, iż-Żejtun u Marsaxlokk. Kien f'Lulju ta' l-1999 li Mallia laħaq Spettur u tul dawn l-aħħar sitt snin kien stazzjonat l-Għassa ta' Bormla.



L-Ispettur Anthony Cassar



L-Ispettur Alfred Malllia

Mas-Sur Mallia tkellimna fuq id-Diviżjoni 'G' li tiġbor fiha Bormla, l-Isla, l-Birgu u l-Kalkara. Għalkemm wieħed jista' faċilment jgħid li din hi waħda mill-iżgħar diviżjonijiet is-Sur Mallia qallilna li għalkemm zgħira din m'hix lokalita' faċli. Eżempju partikolari hi d-dedikazzjoni għal festi li jiġu ċċelebrati fil-Kottonera. L-Isla tiċċelebra l-festa tal-Bambina, Bormla l-Kunċizjoni u l-Birgu jiċċelebraw żewġ festi, dik ta' San Lawrenz u dik ta' San Duminku. Dawn huma festi li jiġu ċċelebrati bil-kbir u jattiraw numru kbir ta' nies speċjalment dik ta' Maria Bambina minħabba li f'din il-festa jkun hemm servizz ta' laneċ bejn il-Birgu u l-Isla sa tard filgħaxija, iżda madanakollu ma humiex sors ta' inkwiet fil-lokalita'. Dan ma jistax jingħad għal-lokalita' tal-Birgu fejn jezisti diżgwid li jmur lura snin twal bejn il-parruċċani tal-festa ta' San Lawrenz u dawk ta' San Duminku. Madanakollu f'din il-lokalita' qatt ma kien hemm inċidenti kbar.

Attivita' oħra f'din id-divizjoni hi r-regatta ta' Settembru li apparti li tiġbed numru partikolari ta' persuni minn barra l-lokalita', din tirrikjedi xogħol matul ix-xtut kollha tal-Kottonera speċjalment fix-Xatt ta' Bormla. Kien hawn li s-Sur Mallia semma l-inċidenti li kienu seħħew xi snin ilu meta nqala' argument bejn qaddiefa ta' timijiet opposti.

Fil-Kottonera, b'mod partikolari l-Birgu huma magħrufa għall-attvitajiet organizzati mill-Awtorita'

dakar®
SOFTWARE SYSTEMS

SPECIALISTS IN HUMAN RESOURCE SOFTWARE SOLUTIONS

OVER 600 CLIENTS WORLDWIDE

PAYROLL
ROSTER
TRAINING
PERSONNEL
RECRUITMENT
TIME & ATTENDANCE



**CONTACT US TODAY FOR A FREE NO OBLIGATION DEMONSTRATION**

**Tel +356 21 374078, Fax + 356 21 374090, Email : sales@dakarsoftware.com, www.dakarsoftware.com**



L-Għassa ta' Bormla

Maltija dwar it-Turiżmu. Dawn jinkludu diversi *re-enactments* li jinkludu xenarji minn żmien il-Kavallieri kif ukoll minn żminijiet l-Ingliżi u l-Franċiżi. Dawn l-attivitajiet jiġbdu numru konsiderevoli ta' turisti lejn it-tlett ibliet.

F'Bormla, għalkemm illum tgawdi inqas importanza milli fis-snin imgħoddija wieħed isib it-Tarzna ta' Malta. Għalkemm il-Pulizija m'għadiex responsabbli mill-entratura tat-Tarzna, xorta waħda din tofri uġiegħ ta' ras għal-lokalita'. Wieħed iġib quddiem għajnejh l-inċident li seħħ fl-1995 meta kienu mietu 9 persuni f'baċir tat-tarzna. F'dan it-tip ta' każijiet il-Pulizija tkun iffaċjata minn inkjesta bil-Maġistrat u numru ta' esperti iżda fl-istess ħin il-Pulizija tkun trid tikkontrolla l-ammont ta' nies li ma jkollomx x'jaqsmu direttament ma' l-inċident iżda li jkunu marru fuq il-post minħabba l-kurzita'.

Fil-lokalita' tal-Kalkara wieħed isib *ir-Rinella Film Facilities.* Meta jkun qed jinħadem xi film f'din il-faċilita' din il-lokalita' tkun esposta għal invażjoni ta' kuljum minn numru ta' persuni magħrufa aħjar bħala extras. Il-problema li din it-tip ta' attivita' iġġib magħha hi ż-żieda fis-serq li jseħħ fil-lokalita'. Dan hu attribwit b'mod partikolari għat-taħlit ta' nies li din l-attivita' iġġib magħha kif ukoll għall-apparat użat li ġeneralment jkun jiswa numru konsiderevoli ta' flus.

Il-lokalita' ta' Bormla hi l-lokalita' li toffri l-akbar sfida għall-Ispettur Mallia. Dan hu attribwit minħabba li f'din il-lokalita' wieħed isib numru konsiderevoli ta' problemi soċjali. Statistiċi juru li l-akbar numru ta' residenti fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin huma ġejjin minn Bormla. B'ċerta dieqa l-Ispettur tenna li f'din il-lokalita' il-faqar tarah kuljum u tmissu b'idejk. Ir-rata ta' *unemployment* f'din il-lokalita', kif ukoll l-ammont ta' tfal li minflokk jattendu l-iskola issibhom jiġru fit-triqat huma ta' min jikkunsidrom, minħabba li dawn il-fatturi, sfortunatament jistgħu jissarfu f'livell ta' kriminalita' b'mod partikolari f'serq. Madanakollu dan ma jnaqqas xejn mill-kobor tal-lokalita' ta Bormla li tista' tiftaħar li hi l'unika lokalita li minnha ħareġ Prim Minsitru, President, Kummissarju tal-Pulzija u numru konsiderevoli ta' nies li għamlu ġieh lill-pajjizna.

Attivita' kwotidjana oħra f'din id-diviżjoni hija s-Suq tal-Birgu jew kif hawn min jafu ukoll bħala is-suq ta' Bormla. Dan jattira numru kbir ta' nisa tad-dar li jwettqu x-xirjiet tagħhom minn dan is-Suq. Minħabba din l-attivita' l-Pulizija jridu jieħdu ħsieb sitwazzjonijiet ta' għeluq ta' toroq kif ukoll problemi ta' parkeġġi li s-suq iġib miegħu.

Is-Sur Mallia faħħar ix-xogħol u l-kooperazjoni li hemm bejn il-Pulizija tad-distrett. Fid-diviżjoni 'G' dawn jammontaw għal tmin Surġenti u 31 Kuntistabbli.

L-Ispettur Anzjan Anthony Cassar hu karigat mid-Divizjoni 'H'. Mas-Sur Cassar iltqajna fl-Għassa ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Cassar daħal fil-Korp tal-Pulizija f'Lulju ta' l-1986 u kien stazzjonat fil-Kwartieri Ġenerali fil-Furjana bħala Band Master. F'April ta' l-1987 laħaq Spettur u kien inkarigat mill-Għassa ta' l-Ajruport. F'Lulju ta l-1987 kien stazzjonat iż-Żurrieq u wara serva ukoll fl-Għasses ta' l-Imsida, B'Kara, Ħal Qormi, Ħaż-Żabbar, Ħaż-Żebbuġ, fis-Sezzjoni tat-Traffiku, fl-Iskwadra Mobbli kif




L-Għassa ta' Wied il-Għajn



L-Għassa tax-Xgħajra qabel giet irranġata

ukoll għal xi żmien fl-uffiċju tal-Kummissarju. Illum filwaqt li jaqdi d-dmirijiet tiegħu fl-Għassa ta' Ħaż-Żabbar, hu ukoll is-Surmast tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija.

Id-Diviżjoni 'H' tinkludi fiha l-lokalitajiet ta' Ħaż-Żabbar, ix-Xgħajra u M'Skala. L-Ispettur mill-ewwel laqana u bi tbissima qalilna li għalkemm l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar hija żgħira fid-daqs, madanakollu il-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar hija l-lokalita' bl-akbar numru ta' resident f'Malta. Meta wieħed iħares lejn in-numru ta' okkorrenzi mdaħħla fis-sistema tal-P.I.R.S. wieħed jinduna li l-attivita' polizjeska fir-raba' distrett hi waħda mdaqqsa. Dan hu ppruvat minħabba l-fatt li mill-bidu tas-sena ir-raba' distrett daħħal 5834 rapport fil-P.I.R.S., l-akbar numru meta mqabbel mad-distretti l-oħra. L-akbar tip ta' kazi li d-Diviżjoni li Cassar hu nkarigat minnha tiffaċja hija dik ta' kazijiet ta' natura ċivili. L-Ispettur iqis il-lokalita' ta' M'Skala bħala il-Mekka tas-South. Ħafna persuni minn dan ir-reġjun fl-istagun tas-Sajf ifittxu residenza alternattiva u bħal man-nies tat-Tramuntana ta' Malta ħafna drabi jfittxu Buġibba, dawk ta' nofsinhar ifittxu Wied il-Għajn jew aħjar M'Skala. Dan iwassal biex fix-xhur sajfin il-popolazjoni ta' Wied il-Għajn tiżdiet konsiderevolment.

Din il-lokalita' tista' tkun ukoll komparata mal-lokalita' ta' San Ġiljan, b'mod partikolari Paceville. Dan hu minħabba l-fatt li din hija




L-Għassa tax-Xgħajra wara li giet irranġata

l-lokalita' ta' divertiment fin-nofsinhar ta' Malta. Hawnekk wieħed isib numru kbir ta' stabbilimenti ta' divertiment fosthom, *bars, discos, nightclubs u ċinema.* Fl-istaġun tas-sajf in-numru ta' residenti f'Wied il-Għajn jikber konsiderevolment, u anki l-attivita' tal-pulizija tiżdied. Infatti fil-granet tas-Sajf, l-akbar fi tmiem il-ġimgħa, f'din il-lokalita' il-Pulizija tagħmel użu tal-Mobile Police Station minbarra n-numru ta' pulizija li jkunu qed jagħmlu rondi kemm bil-vetturi kif ukoll bil-mixi. B'ton ta' sodisfazzjon, l-Ispettur Cassar irrakkonta kif il-Pulizija tad-Distrett flimkien ma' dawk mill-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji kienu strumentali biex ingħalaq stabbiliment li kien qed jippermetti li tfal taħt l-eta' jikkunsmaw alokoħol kif ukoll jidħlu f'dan l-istabbiliment.

L-Ispettur Cassar fakkarna kif fis-Sajf ta' l-2004, f'Wied il-Għajn, 13-il ġuvni u tfajla, kollha taħt it-18-il sena kienu tressqu l-Qorti akkużati b'abbuzi sesswali fuq tfal oħra. Dan il-każ għadhu għaddej. Tkellimna ukoll fil-każ riċenti ta' l-għajbien ta' l-anzjana Barbara li wara diversi ġimgħat li kienet rrapurtata nieqsa, instabet mejta fi trejqa f'Wied il-Għajn.

F'din il-lokalita' wieħed isib ukoll *playing fields* li jiġbdu numru ta' tfal li fimkien mal-familjari tagħhom jiġu f'din il-lokalita' biex jirrilassaw u jgħaddu l-ħin. F'Wied il-Għajn ukoll, il-Pulizija huma nkarigati mis-sigurta' mar-residenza tal-Prim Ministru.



L-Għassa tax-Xgħajra min gewwa

# ritemix









**Ritemix (Gatt Bros) Ltd. is equipped with a Ready Mixed Concrete Batching Plant. Ritemix (Gatt Bros.) Ltd. carries out Road Works, Civil Engineering Works, General Building Contractors, Marine Works and Turnkey Projects.**






Rite Mix (Gatt Bros.) Ltd. • Gatt House, Triq in-Naggar, Mosta
Tel: 21 410411, 21 410176, 21 410443 • Fax: 21 433028 • Email: ritemix@onvol.net

# JMV
QUALITY IN STEEL




**Producers of:**
- Electrowelded reinforcement steel wire mesh
- Galvanised steel undulated mesh
- Circular steel piles
- Square / Rectangular reinforcement frames

**Stockists/ processors of:**
- Deformed reinforcing steel rods
  Weldable – Cut to size – Bended – Assembled – Quality control certification of steel after processing
- Electrowelded Truss Girders
- General steel sections:
  U-Beams – IPE – IPN – HEA – HEB – Flats – Rounds – Squares – Channels – Tees – Hollow Sections & Pipes – Hot Rolled Plates Plain & Chequered – High Impact Plates RAEX – Galvanised & Expanded Metal Sheets
- Roofing & Cladding Sheets
- Waterproofing Products
- Wrought Iron Elements
- ERICO-Lenton Rebar Splicing









**JM Vassallo Vibro Blocks Limited**
Mdina Road, Zebbug ZBG 06, Malta
Tel: +356 2146 7421, 2146 6228 Fax: +356 2146 5202
Email: info@jmvibro.com

FM 40810



Attivita' ta Jum il-Pulizija, f'Bormla

L-Ispettur Cassar temm l-intervent tiegħu billi esprima is-sodisfazjoni tiegħu lejn il-Pulizija tad-Diviżjoni tiegħu li jinkludu 30 Kuntistabbli u ħames Surġenti, li jaqdu dmirijiethom bl-akbar responsabbilta'.

Is-Supretendent Spiteri daħal fil-Korp f'April ta' l-1979 u kien stazzjonat il-garaxx tal-Pulizija, Bormla, Raħal il-Ġdid u Ħaż-Żabbar. F'Settembru ta' l-1984 laħaq Surġent fejn kien stazzjonat fl-għasses ta' tas-Sliema, l-Furjana u fl-Iskwadra Mobbli. F'Gunju ta' l-1989 is-Sur Spiteri laħaq Spettur u f'dan ir-rank qeda dmirijietu fl-Għasses tar-Rabat, San Ġiljan, B'Bugia, ż-Żurrieq kif ukoll fit-Taqsima ta' l-ALE.

Il-lokalita' tax-Xgħajra, hi lokalita' li qed tikber u tespandi konsiderevolment. Meta wieħed iqis il-bini ġdid li tiela' kif ukoll il-persuni li qed imorru jabitaw fix-Xgħajra wieħed jinduna li dawn huma fil-maġġorparti persuni ta' nazzjonalita' barranija li qed jintegraw ma' persuni Maltin. Dan qed jissarraf f'taħlit ta' kulturi li għalkemm toffri diversifikazjoni tal-kultura tista' ukoll tkun sors ta' argumenti bejn il-ġirien.

Il-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar, hija l-unika lokalita' f'din id-diviżjoni li għandha festa li tattira numru kbir ta' persuni. Wieħed jiftakar meta f'Settembru ta' l-2004 kienu nqalgħu inċident bejn il-partitarji taż-żewġ baned f'din il-lokalita, li spiċċaw biex il-Pulizja ħarket il-Qorti 30 persuna u akkużathom b'dawn l-inċidenti. Kawza ta' l-istess inċidenti il-festi esterni ta' din is-sena kienu sospiżi. Il-Festa tal-Madonna tal-Grazzja tinkludi ukoll il-pellegrinaġġ ta' muturi li jirrikjedi ħafna xogħol għal-Pulizija tad-distrett minħabba kontrol ta' traffiku biex ikun kontrollat l-influss ta' mijjiet ta' muturi u roti fil-lokalita'.




Mobile Station f' Wied il-Għajn

B'ton ta sodisfazjoni l-Ispettur semma kif fil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar joqgħod il-Kummissarju tal-Pulizija. Bi tbissima qalilna li hu ta' unur għalih li mhux talli fid-Divizjoni tiegħu joqgħodu il-Kummissarju u l-Prim Ministru iżda numru ta' Assistenti Kummissarji wkoll.

F'Settembru tas-sena 2000, Spiteri laħaq Supretendent u kien inkarigat mid-Distrett ta' San Ġiljan Fis-sena 2003 hu kien trasferit minn San Ġiljan għar-Raba' Distrett fil-waqt li fi Frar ta' din is-sena kien inkarigat mill-Ewwel Distrett iżda żamm taħt il-kappa tiegħu r-Raba' Distrett ukoll.


Transfer your money worldwide with us...
...whether your requirements are:
▶ Outward payments
Inward payments◀
Our extensive services also include:
• Foreign Currency • Travellers Cheques
W&J COPPINI & CO
FINANCIAL SERVICES
EAGER TO GROW?
WE ARE GEARED TO FULFIL YOUR FINANCIAL AMBITION!
• Local corporate bonds
• International equities
• Local equities
• Guaranteed funds
• International managed funds
• Local government bonds
• International corporate bonds
W&J COPPINI
INVESTMENT SERVICES LTD
You should always be aware of the risks associated with your investments. Investments may go up as well as down. Past performance is not necessarily a guide to the future. Always read the prospectus or any sales material provided to you before you invest.
144, Tower Road, Sliema SLM 08 Tel: 21 345412, 21 342031 Fax: 21 344972 www.wjcoppini.com


Ride in Style
• Airport Transfers
• Local Transfers
• Executive VIP Service
• Minibus Service
• Local Tours (Malta and Gozo)
JOHN'S Garage
National
38, Villambrosa Street, Hamrun HMR 06, Malta - Europe,
Tel: +356 2124 5038 / 2123 1799 / 2123 8580, Fax: +356 2123 3365
Email: info@johnsgarageltd.com, www.johnsgarageltd.com
24 HOUR CHAUFFEUR SERVICE
FREEPHONE 800772337

# Drinn Drinn 6


Supt. P.P. Zammit
Prosecution Unit

Ħello, Sir, tista' tgħini ftit, forsi nifhem x'qed jiġri.

*Għidli l-ewwel x'ġara mbgħad niġu għal problema.*

Mela il-bieraħ kellna nċident tat-traffiku u sa kemm wasalna aħna fuq il-post żewġ persuni li kienu nvoluti u jidhru li weġġħu, kienu diġa ttieħdu l-Isptar minn fuq il-post. Wara li għamilt dak li stajt fuq il-post, u ġbart it-tagħrif kollu possibbli, ħallejt kuntistabbli fuq il-post ta' l-inċident u nżilt l-Għassa. Minn hemm ċempilt il-casualty biex nara minn kienu l-korruti u f'liema stat kienu. Minn weġibni, bil-ħlewwa kollha qaltli li ma tistax taqdini minħabba d-Data Protection. Ipprovajt infehma li jien kelli triq magħluqa u pandemonju tat-traffiku, ... kollu għal xejn, ipprovajt infehma li jekk kien każ ta' inkjesta jien ridt ninforma lill-Ispettur tiegħi biex dan jinforma lill-Maġistrat... Kollu għal xejn. Sir, bdejt nitlef il-paċenzja. Ipprovajt minn kollox biex nikkonvinċiha, il-kuntistabbli li kien hemm ħdejja wara qalli li ġibtlu qalbu perżuta u qabbistlu d-dmugħ. Iżda din is-sinjorina bil-kalma kollha baqgħet tgħidli li ma tistax taqdini minħabba id-Data Protection, u bid-Data Protection tiela' u bid-Data Protection nieżla u balleċ bqajt bla risposta. Wara xi nofs siegħa nitmasħan, is-sinjorina għaddietni mal-kuntistabbli li kien hemm xogħol dak il-ħin il-Casualty li inzerta jafni, u bih bħala interpretu tagħtni l-informazzjoni kollha u b'hekk stajt ninforma lill-Ispettur u tinfetaħ inkjesta. Dan fil-ħdax ta' bil-lejl. Minn fuq kwabzi qlajtha mingħand l-Ispettur għax informajtu xi siegħa wara li seħħ l-inċident u kien tard. Imma Sir, jien mhux hekk nafha! Ilni d-Distrett is-snin u qatt ma kellna minn dawn il-problemi ma' l-Isptar. Issa f'daqqa waħda daħlet din l-imbierka Data Protection u ma nistax nifhem x'irrid nagħmel, biex ta' l-inqas ma nerġax nieħu battikata oħra fuq it-telefon.

*Ara Surġent, is-sinjorina kellha raġun f'dan il-każ, għax ma kinitx taf ma' min qed titkellem. Immaġina ftit li ċempillek xi ħadd li ma tafux u qallek tfittixlu fuq il-P.I.R.S. x'fih ir-rapport dwar il-ħabta li int għadek kif kejjilt. U jistaqsik tgħidlu minn kienu il-passiġġieri fiż-żewġ karozzi.....*

Le, ħej, ma ngħidlux...

*Mela dik is-sinjorina....*

Imma jien surġent tal-Pulizija...

*Int qed tgħidu dan. Is-Sinjorina ma tafikx, ma' hiex qed tarak, ma tistax tivverifika l-identita' tiegħek.*

Imma....

*Isma' ftit u tgħaġġilx. La int lis-sinjur li staqsik ma tħoss li għandek tirrispondih, kif tista' int titlob lil dik is-sinjorina tgħidlek? Sa kemm int ma kontx identifikat mhux biss bħala uffiċjal pubbliku, imma bħala dak l-uffiċjal li għandu dritt għal dik l-informazzjoni minħabba x-xogħol tiegħu, dik is-sinjorina ma setgħetx tgħidlek dak li int ridt. Meta iżda kien hemm Pulizija preżenti quddiema, li kien jaf lilek, u seta' jikkonfermala li int fix-xogħol tiegħek kellek bżonn din l-informazzjoni, dak il-mument kienet awtorizzata skond il-liġi li tgħaddilek dik l-informazzjoni, kif fil-fatt ġara. Tgħid kemm ġejna tajjeb. Ngħidlek, iva ġejna tajjeb, dak li int ma għamiltx ma dak is-sinjur fuq it-telefon, lanqas dik is-sinjorina ma setgħet tagħmel miegħek. Il-kelma Pulizija, ma tfissirx li int Pulizija u lanqas li int għandek id-dritt għal dik l-informazzjoni. L-ewwel hemm bżonn l-identifikazzjoni tiegħek bħala Pulizija, imbgħad irid ikun hemm il-kwalifika tiegħek li dak li qed titlob għandek bżonnu għax-xogħol.*

*Id-Data Protection Act, qegħda hemm biex tara li l-informazzjoni personali tiġi biss f'idejn min legalment għandu dritt għaliha, u biex jiġri hekk irid ikun hemm ċerta attenzjoni da parti ta' dik il-persuna jew entita' li għandha dik l-informazzjoni. Mur ara kemm tieħu pjaċir li kulħadd ikun jaf b'l-iċken żball li int tkun għamilt. Aħseb u ara kemm ma tieħux pjaċir li kulħadd ikun jaf x'għandek u ma għandekx jew b'xi ħaġa verament personali.*

Issa fhimt. Grazzi Sir, imma din il-proċedura ser tibqa hekk.

*Għal issa, sa kemm iż-żewġ dipartimenti jaslu fi qbil aħħari li jkun aċċettabli kemm f'għajnejn il-liġi u kemm fil-prattika, hekk għandu jkun, jew tmur int l-Isptar, jew tuża' lill-Pulizija li jkun hemm l-Isptar sabiex jgħaddilek l-informazzjoni kollha meħtieġa.*

Grazzi Sir. Tikber u titgħallem.

*Dik il-Ħajja. Saħħa.*


FREE Cinema Tickets
with Vodafone Tuesdays
from Eden Century Cinemas
Buy 1 get 1 FREE
Send an SMS to 5091 1241
EDEN Century CINEMAS
St. Julians
Fgura
www.edenleisure.com/cinemas
Call 247 from your mobile or 2148 2820 for more information. Check out terms and conditions on www.vodafone.com.mt Each SMS costs 2c. Offer is valid to all Vodafone customers, for all movies showing on Tuesday, until 28th March 2006.
It's a way of life
vodafone

Closer to YOU than ever
At APS Bank we are always getting closer to your needs
Now, more than ever, with several branches and ATMs throughout Malta and Gozo, we are closer to you.
Today we offer a wider network serving a range of customised products and services.
VALLETTA
MOSTA
PAOLA
FLORIANA
BAY STREET- ATM
VICTORIA GOZO
ATTARD
APS bank
ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO
The Bank You Want Us To Be
www.apsbank.com.mt

make it a
DIGITAL XMAS
with exotique
Balzan, Baystreet, Hamrun,
Sliema, Energy Complex - Valletta, City Gate - Valletta
Malta International Airport - Gudja, Opening soon Victoria, Gozo

# Tagħlim u taħriġ fil-Korp



PC 1146 E. Zammit
Għassa B'Kara

Ħafna speċi għandhom karatteristiċi, xi ftit jew wisq komuni ma' dik umana. Per eżempju l-għasfur instintivament kapaċi jibni daru, u jaf kif u żżmien meta għandu jittajjar għal destinazzjonijiet ġodda. L-ispeċi umana mhix kapaċi tagħmel dan instintivament. Minn naħa l-oħra huwa l-bniedem, u mhux l-għasfur li tgħallem u baqa' jagħmel progress. Fejn tul iż-żmien, il-bniedem tgħallem jibni daru b'mod li toffrilu aktar sigurta' u kumdita', u tgħallem jiżviluppa mezzi ta' transport li jgħinuh jtejjeb l-għejxien tiegħu, l-għasfur baqa' għal eluf ta' snin jibni il-bejta bħala daru u għadu jħabbat ġwinhajh sal-ġurnata tal-lum. Dan jindika kif sa mill-bidu tal-ħolqien tiegħu l-bniedem tgħallem jiżvilluppa fl-evoluzzjoni tiegħu sabiex jipproteġi l-eżistenza ta' l-ispeċi umana.

L-istess għamel il-membru tal-Korp tal-Pulizija fix-xogħol ta' l-infurzar tal-liġi. Tant hu hekk li din is-sena għadna kif iċċelebrajna l-191 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Korp. Tul dawn is-snin il-Korp tal-Pulizija żviluppa fl-istrateġijja kif wkoll fl-istruttura. Saru ħafna bidliet u progressi f'dawn il-191 sena mit-twaqqif tal-Korp, pero' wieħed jistaqsi kemm ir-rata ta' din il-bidla u progress tikkonformix mal-bidla tas-soċjeta' u tal-kriminalita', b'mod partikulari dik organizzata li qeda tizviluppa b'rata mgħaġġla ħafna.

Iddeċidejt li nintroduċi l-artiklu b'din id-daħla għaliex nemmen li l-bniedem għandu kapaċita' mentali li tagħmlu superjuri għal kull speċi oħra fl-univers. Din il-kapaċita' intellettwali jeħtieġ li tkun kontinwament stimulata biex il-bniedem jkun jista' jitqies differenti minn annimali oħrajn u b'hekk jibqa' jevolvi u jimxi 'l quddiem. L-istimolu li qed nirreferi għalih insibuh biss fit-tagħlim u fit-taħriġ. Għaldaqstant l-iskop ta' dan l-artiklu qiegħed biex jgħinna nirriflettu dwar l-importanza li nikbru kemm bħala individwi kif ukoll bħala istituzzjoni moderna. Dan nagħmluh billi nfasslu strateġjja li tagħti iżjed importanza lit-tagħlim li jkun imfassal skond l-irwol li nokkupaw aħna bħala membri f'din il-forza ta' l-ordni. Din il-kultura moderna ta' tagħlim tgħin biex intejbu l-professjonalita' fix-xogħol tagħna u b'hekk niżviluppaw servizz aktar effiċjenti u effettiv.

**Tagħlim, Taħriġ u Esperjenza**

Tradizzjonalment Pulizija ma kienx ikollu bżonn ta' kwalifiċi akkademiċi biex jingaġġa bħala membru fi ħdan il-Korp. Barra minn hekk l-avvanz fil-grad matul il-karriera tiegħu kien iseħħ permezz ta' snin li jkun akkumula tul iż-żmien, dik li nsejħula 'seniority'. Minn naħa l-oħra, il-Korp riċentement ħass il-ħtieġa li jingaġġa miegħu nies li għandhom il-kwalifiċi akkademiċi u beda wkoll jinvesti fi skemi li kontinwament jedukaw l-impjegati tiegħu. B'konsegwenza ta' dan hemm il-biża' li tinħoloq tensjoni professjonali bejn iż-żewġ klassijiet għaliex it-tnejn qegħdin ipoġġu lilhom innfushom fuq livelli ta' kompetenza differenti. Dawn mhux qed jirrealizzaw li l-kapaċitajiet personali ta' kull wieħed u waħda minnhom jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal xulxin. F'dan l-istadju nixtieq nispjega fi ftit kliem il-proċess tat-tagħlim biex b'hekk il-qarrej jifhem aktar l-argument li qed nippreżenta.

Il-bniedem il-ħin kollu qiegħed jitgħallem billi jiffoka l-attenzjoni tas-sensi tiegħu fuq esperjenzi partikolari u din l-informazzjoni tiġi trażmessa lejn moħħu. F'dan l-istadju din l-informazzjoni tinżamm biss temporanjament u wara ftit taż-żmien x'aktarx tintesa. Permezz ta' taħriġ kontinwu l-istess informazzjoni tiġi rreġistrata f'parti tal-moħħ li żżomm memorja għal żmien twil ħafna. B'hekk wieħed jista' jargumenta li t-tagħlim jibda meta nsiru nafu l-informazzjoni fuq suġġett partikulari (teorija). It-taħriġ jgħinna sabiex nipprattikaw dak il-ħsieb tagħna f'ambjent ikkontrollat (prattika). Wara dan kollu, l-esperjenza tax-xogħol tista' tkun meqjusa bħala l-eżami tagħna biex inkunu nafu kemm fil-fatt sar awtomatiku dak li tgħallimna. Permezz ta' l-esperjenza iċ-ċiklu tat-tagħlim jerġa jibda billi nirrevedu il-ħsieb u l-prattika tagħna ħalli nkunu nistgħu nwettqu dak li tgħallimna f'esperjenzi differenti. B'hekk wieħed jista' jikkonkludi li t-tagħlim, it-taħriġ u l-esperjenza jikkumplimentaw lil xulxin u dan jispjega għaliex mhux kull Pulizija li għandu l-esperjenza biss jew il-kwalifiċi biss jista' jqies ruħu kompetenti.

**Kompetenza u Produttivita' fix-xogħol Pulizjesk**

Il-kompetenza ta' uffiċjal pubbliku ma titkejjilx biż-żmien li jkun ilu fil-mestjier u l-anqas biċ-ċertifikati akkademiċi li jkun kiseb. Il-kompetenza ta' Pulizija tista' tiġi mkejjla mill-produttivita' permezz ta' 'assessments' li jsiru fuq bażi regolari (performance appraisals). Nies imħarrġa partikolarment f'dan il-qasam ikejlu l-ħidma u l-effetivita' tar-riżorsi umani bi kwestjonarji kunfidenzjali li jgħin sabiex tiġi ddentifikata l-produttivita' u jiġu evalwati l-kapaċitajiet u l-abbilitajiet tal-Pulizija f'oqsma differenti tax-xogħol.

Huwa mportanti li l-kwestjonarji ma jkunux jiffukaw biss dwar kemm l-individwu jkun inforza il-liġi, imma anke dwar fatturi oħra bħal ngħidu aħna xi diffikultajiet li jkollu l-uffiċjal partikulari waqt il-qadi ta' dmirijietu, kif iġib ruħu mal-kollegi tiegħu/ha u diffikultajiet jew abbiltajiet oħrajn fix-xogħol Pulizjesk. Saħansittra flimkien mal-persuna li tkun qed tagħmel il-kwestjonarju jista' jitfassal pjan dwar x'jixtieq l-Pulizija li jara żviluppat aktar fis-sezzjoni tiegħu/ha, u xi żvilupp jixtieq jara l-manager mill-individwu partikulari. Ikun għaqli jekk dan l-assessment isir mhux biss ma' kuntistabblijiet u surġenti, imma anke ma' uffiċjali fi gradi oħrajn. Dan għaliex permezz ta' dan l-assessment il-managers ikunu inkoraġġati biex jaddottaw, japplikaw u jirrevedu metodi ġodda ta' tmexxija li bħalissa jista' jkun li huma xi ftit jew wisq qodma u b'hekk ikun jinħtieġ li jiġu riveduti sabiex jieħdu l-aħjar mis-subalterni tagħhom.

Hawn wieħed jistaqsi xi jsir b'dawn il-performance appraisals? Nittimbraw l-individwu bħala kompetenti jew inkompetenti u nieqfu hemm? Le, xejn minn dan. Dan il-kwestjonarju kunfidenzjali għandu joffri stampa ċara lil individwu fejn jinsab illum, u fejn jixtieq jasal għada, kif ukoll jgħin lil Korp tal-Pulizija jinvesti aħjar ir-riżorsi tiegħu sabiex tiżdied il-kompetenza u l-produttivita' tal-Pulizija f'dan il-proċess ta' modernizazzjoni bħala istituzzjoni organizzata.

[ yellow tail ]



Verdelho Chardonnay Cabernet Sauvignon Merlot Shiraz Cabernet Merlot Shiraz Grenache Shiraz Cabernet

REDOCTOBER
COMPANY LIMITED
IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF CONFECTIONERY, FOODSTUFFS, TOBACCO, WINES & SPIRITS

272, Mdina Road, Qormi QRM 08
TEL: +356 2147 0400
FAX: +356 2147 0300

E-mail: carlosc@onvol.net redoct@onvol.net

ial
IGNAZIO ANASTASI LTD.
Exporters of World Renowned Brands

Address:
Network Building
Industrial Zone
Mriehel BKR 14

Tel: 21 497041
Fax: 21 497045
Email:
sales@ialmalta.com

**Industrial & Hardware Products**

Safety Wear
Security Products (Locks & Padlocks)
All types of Hand & Power Tools
Lighting & Electrical Products
Glues & Silicones

**Car & Vehicle Products**

Car Accessories
Car Waxes, Polishes & Valeting Products
Automotive Chemicals
Maintenance Products

**Office & Stationery Equipment**

Printer Ribbons • Laser Toners • Inkjet Cartridges
Office & School Stationery • Writing Instruments
Presentation Equipment • Flip Charts & White Boards
Adhesives • Correction Products
Cardboard & PVC Filing Solutions
Office Chairs & Furniture

We **service** our clients with **enthusiasm** and genuine **commitment.**



Emmanuel Vella & Sons LIMITED

*• Haulage Contractors • Customs Clearance • Crane & Forklift Services*
*• Relocation of abnormal machinery • Packing & Warehousing • Insurance Sub Agents*

Velbro House, Qormi Road, Luqa LQA 05, Malta Tel: (00356) 21 241 353 Fax: (00356) 21 243 117 E-mail: info@emmvs.com

www.emmvs.com


GOZOglass
UK Distributor:
J & G Distributors Ltd
28 West Street
Chichester
West Sussex
PO19 1QS
Tel : +44 (0) 1243 788828
Fax: +44 (0) 1243 788078
www.gozoglass.com
www.gozoglass.co.uk
www.gozoglassusa.com
Handmade Glassware of Distinction
A family business dedicated in the making of truly unique handmade art glass.
Gozo Glass is a heritage of skills that bears witness to the history, legend and beauty of the Island of Gozo.
Gozo Glass Ltd. - 9 Gharb Road, Gharb, Island of Gozo
Tel: +356 21561974; Fax: +356 21560354
Sales@gozoglass.com


MK
THE SAFETY ASPECT
MK is renowned for the exceptional safety of it's products. All MK sockets have unique MK 3-pin safety shutters, allowing access to the supply only when all 3 pins of a standard British plug are in place. All MK products are tested to exceed British standard requirements.
itc
White House Buildings,
Mountbatten Street,
Blata l-Bajda HMR 02
Tel: 21 220644
Web: www.itc-malta.com
It's Simply Safer to say MK
10% discount on presentation of this advert


Cadbury Celebration
OVER 51,000 PRIZES TO BE WON
Grand Prize
Peugeot 307 CC
20 Sony Limited Edition Slim Playstation 2 • 20 Sony 4.1 Mega Pixels Digital Cameras • 9,000 Cadbury Key Chains • 1,500 Two Cadbury Treat Size Bags • 17,000 Two 200gr Cadbury Chocolate Bars • 1,500 Cadbury Treat Size Bags • 22,000 200gr Cadbury Chocolate Bars
IN COLLABORATION WITH:
PEUGEOT
vodafone
SONY
go mobile
Forestals GROUP OF COMPANIES
For further details, refer to the Cadbury Celebration Scratch Card obtained with every three Cadbury Chocolate products purchased
This promotion ends on 3/1/06 or until stocks last. The Grand Prize winner will be announced on 14/1/06 & prizes are redeemable until 16/1/06

**Investiment f'Taħriġ għal Korp Modern**

Korp tal-Pulizija modern jrid il-ħin kollu jiffaċċja l-isfidi mposti fuqu minn bidla mgħaġġla fl-iżvilupp soċjali billi jkun aktar ippreparat. It-taħriġ li kull Pulizija jirċievi jilgħab parti fundamentali kif dawn l-isfidi jkunu milqugħa, u la darba il-kriminalita' qegħda ttejjeb u taddotta metodi ġodda u tavvanza b'pass mgħaġġel ħafna, il-Korp tal-Pulizija jrid jagħmel l-istess, mhux biss sabiex jikxef atti kriminali imma wkoll biex jħarreġ aħjar l-impjegati tiegħu.

Preżentement il-Korp tal-Pulizija qiegħed jinvesti ħafna f'vetturi, teknoloġija u ħafna affarijiet oħrajn biex itejjeb il-livell fix-xogħol ta' l-infurzar tal-liġi. Dan huwa kollu xogħol ta' min jfaħħru, pero' ma rridux ninsew li r-rizorsi prinċipali huma l-uffiċjal nnifsu u dak l-għerf, il-ħiliet u l-attitudni li hi/hu t/jipposjedi. Korp modern u proattiv irid jifhem l-importanza fit-taħriġ tal-uffiċjal u kif għandu jistruttura t-taħriġ skond in-neċessitajiet ta' l-impjegati u ta' l-organizzazjoni.

Dan l-argument jorbot ma' dak li spjegajt qabel rigward il-performance appraisals, fejn permezz ta' dawn il-kwestjonarji wieħed ikun kapaċi jinvesti bil-għaqal f'dak it-taħriġ li l-impjegati f'diversi taqsimiet differenti għandhom verament bżonn. Barra minn hekk, l-informazzjoni miksuba twassal ukoll sabiex jiġi stabbilit l-aħjar mezz ta' tagħlim minħabba d-diversita' tan-nies, per eżempju d-differenza fl-eta', livell ta' edukazzjoni, kompetenza u oħrajn.

Tysen u Fell ċitati f'Goss (1994) jissuġġerixxu li l-attitudni għandha tkun waħda li tħares lejn l-impjegati bħala assi. Dawn jargumentaw kif "Il-kunċett ta 'investiment' fl-impjegati jinkuraġġixxi viżjoni sabiex wieħed jħares lejn il-profitt miksub minn dak l-investiment, għaldaqstant l-interess jkun iffukat fuq l-iżvilupp tan-nies bi skop". Qed ngħid dan għaliex preżentement hemm membri tal-Korp li għandhom ħafna esperjenza fix-xogħol puliżjesk u oħrajn b'diversi kwalifiċi akkademiċi li mhux qed jiġu utilizzati professjonalment għal aħjar tagħhom u tal-Korp.

Nifhem li f'Korp iddixxiplinat wieħed irid jaddatta ruħu għal esiġenzi tas-servizz, pero' jien nistaqsi kemm din is-sistema qegħda tagħti nċentiv lill-Pulizija biex javvanzaw aktar fl-istudju? Kemm qegħda żżomm in-nies milli jsiru aktar professjonali fil-qasam li studjaw fih? Kemm fil-fatt Korp tal-Pulizija modern qiegħed jagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi u l-assi tiegħu? Wisq nibża' li xi ħaġa bħal din ikollha riżultat negattiv kemm fuq il-kompetenza kif ukoll fuq il-produttivita' fix-xogħol ta' l-infurzar tal-liġi għaliex hemm il-probabbilita' li ħafna Pulizija jsiru demoralizzati u demotivati.

**L-Akkademja tal-Pulizija**

Meta wieħed ikun qed jitkellem fuq it-taħriġ tal-membri tal-Korp l-ewwel ma tiġi f'moħħu hi l-Akkademja tal-Pulizija. Bla dubju, l-Akkademja tal-Pulizija ta' Malta hi ta' min ifaħħarha, pero' dejjem hemm lok għal żvilupp. Ħafna riċerki fil-qasam tal-edukazzjoni juru kemm huwa mportanti li t-tagħlim u t-taħriġ ikun imwassal b'tali mod li jistimula lill-istudenti li jipparteċipaw flimkien ma' l-għalliem u b'hekk l-ambjent edukattiv ikun wieħed komdu u pjaċevoli.

Sfortunatament, is-sistema preżenti tat-tagħlim fl-Akkademja, ġeneralment hija waħda tradizzjonali fejn l-għalliem iwassal l-informazzjoni u l-istudenti jridu jattendu għaliha. Fl-opinjoni tiegħi jkun aħjar jekk uħud mill-għalliema jirrevedu s-sistema li jutilizzaw biex iwasslu s-suġġett tagħhom. Per eżempju jistgħu jutilizzaw preżentazzjonijiet mill-istudenti għall-istudenti – roleplay - li hija simulazzjoni fejn f'ambjent ikkontrollat jinħoloq xenarju fit-tizju u l-istudenti jitħarrġu fil-prattika tax-xogħol Pulizjesk. Per eżempju kif tkun aktar assertiv fl-ordni li tagħti, kif tikkontrolla aħjar esperjenza ta' tensjoni u/jew provokazzjoni flimkien ma' ħafna oħrajn. Barra minn hekk l-għalliem jista' jagħti aktar importanza għal fatt li mhux kull min għandu quddiemu kapaċi jitgħallem bl-istess mod, fejn waħda mir-raġunijiet primarji tista' tkun l-eta'.

Tistgħa wkoll tiġi studjata possibilita' li l-membri tal-Korp jiġu mħarrġa flimkien ma' membri fi professjonijiet diversi bħal infermiera, membri tal-Protezzjoni Ċivili u oħrajn sabiex ix-xogħol maħdum flimkien ikun aktar f'sinkronija u professjonali. Wieħed jista' jifhem li ddur fejn iddur ħa ssib il-problema finanzjarja, pero' biex iseħħ dan kollu u jittejjeb il-livell ta' l-edukazzjoni huwa mportanti ħafna li l-Akkademja tal-Pulizija tinvesti aktar, mod partikulari f'apparat teknoloġiku u awdjoviżiv li jgħin fit-tagħlim, bħal ngħidu aħna, video players, monitors, overhead projectors u oħrajn.

Ma jistax wieħed jitkellem fuq l-Akkademja u ma jsemmiex il-librerija. Preżentement ma hemm ħadt li hu mħarreġ u kompetenti sabiex izomm il-librerija fl-istat li jistħoqqilha: aġġornata b'kotba u rivisti moderni relatati max-xogħol tal-Pulizija. Fil-librerija nsibu ħafna kotba fuq il-liġi u l-applikazzjoni tagħha, u wkoll fuq il-kriminoloġija, pero` ma nsibux kotba ta' suġġetti oħrajn li huma mportanti wkoll fl-infurzar tal-liġi. Ma dan kollu, hija ħasra li xi membri tal-Korp isselfu kotba mil-librerija żmien ilu u għadhom ma rritonawhomx. Dan jagħmel għajb għalihom għaliex dak ir-riżors setgħa ġustament ġie bżonnu ħaddieħor.

**Konklużjoni**

Nixtieq nikkonkludi u ngħid li kull wieħed u waħda minnha b'dak li nagħmlu ninfluwenzaw bidla fil-kultura tal-Pulizija u b'hekk intejbu l-livell ta' professjonalita' kemm bħala individwi kif wkoll bħala Korp. Huwa mportanti li l-isforzi li jsiru mill-amministrazzjoni rispettiva biex jittejjeb il-livell ta' edukazzjoni jkunu milqugħa b'maturita' mill-Pulizija. Jeħtieġ li kull membru tal-Korp jagħti mportanza u kontinwament jaġġorna ruħu u jtejjeb l-għerf, il-ħiliet u l-attitudni tiegħu fl-infurzar tal-liġi rrispettivament mir-rank li jokkupa. B'hekk it-taħriġ m'għandux jieqaf malli niggradwaw mill-Akkademja, iżda għandu jibqa' tul il-karriera tagħna bħala membri fil-Korp tal-Pulizija.


*Referenzi:*

Couillard, D. (2005). Reach for the top. Police executive development. Gazette, 67 (3), 20.

Della, B.C. (2005). Teaching with purpose. How to maximize police training. Gazette, 67 (3), 18-19.

Gredler, M.E. (2001). Learning and Instruction. Theory into practice. (4th Ed). Ohio: Merrill Prentice Hall. Rasheed,M., Will,E.(2005). Championing tomorrow's police leaders. Gazette, 67 (3), 21.

Woolfolk, A. (2001). Educational Psychology. (8th Ed.), Boston: Allyn and Bacon.




**Guillaumier Business Dynamics**
206, Cannon House, Cannon Road, St Venera
Telephone: 21495731 - Fax 21487060
email: info@guillaumier.com • website: www.guillaumier.com

**COUNTRY Products**

**Manufacturers and Packers of Quality Food Products**

**Contact:** Mr. Joseph Gatt
**Office:** 16, John Zammit Street, Zebbug, ZBG04 MALTA
**Factory:** Country Products, Princep Baziliku Street, Zebbug ZBG04 MALTA
**Telephone:** (+356) 21467722
**Facsimile:** (+356) 21462839
**E-mail:** joecountry@waldonet.net.mt



Country Sugar Free Jelly Powder, suitable for people on diet, with a variety of six flavours to choose from including:

- Strawberry
- Orange
- Lemon & Lime
- Strawberry/Banana
- Blackcurrant
- Raspberry

We also have a wide variety of Herbs and Spices with over 100 different items to satisfy your appetite.





Country Table Jelly Crystals, with a variety of six flavours including:

- Strawberry
- Blackcurrant
- Strawberry/Banana
- Lime
- Lemon
- Orange

We also produce in Catering pack sizes, Ground Almonds substitute, Drinking Chocolate, Custard powder & Baking powder

# J. MALLIA BORG

## JEWELLER

**140, St. Lucia Street, Valletta**

**Tel: 21 237852**

**Fax: 21 249827**

**E-mail: tmb@onvol.net**

# Il-Parteċipazzjoni tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija ġewwa Sqallija



PS 772 D. Aguis

Kienet ħolma li xi darba il-Banda tal-Korp tagħti esebizzjoni barra minn xtutna, ħolma li seħħet fl-aħħar ta' Awissu ta' din is-sena. Il-Banda tal-Korp ġiet mistiedna fi Sqallija biex tagħmel parati militari kif ukoll tesegwixxi programmi ta' mużika sabiħa u varjata' kif dejjem għamlet kull fejn marret biex iddoqq. Ta' min wieħed isemmi li din kienet ħaġa storika li kemm kienet ilha mwaqqfa il-banda, qatt ma seħħet, u dan kollu grazzi għal Kummissarju s-Sur John Rizzo li ħa nteress personali biex dan l-avveniment seta' jseħħ.

Kien is-Sibt 27 t'Awissu, 2005 li l-Banda ltaqgħet ġewwa s-Sea Port fejn għal ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu salpat lejn Katanja bil-Katamaran San Ġwann, fejn għal ħabta tal-ħdax ta' filgħodu il-membri tal-Banda kienu alloġġjata fil-Lukanda Bianca Neve ta' Nikolosi taħt id-dell ta' l-Etna.

Dak in-nhar tal-wasla, wara ikla u ftit mistrieħ kulħadd liebes l-uniformi sabiex għal ħabta tas-sebgħa ta filgħaxija l-Banda esegwit Parata Militari mat-toroq prinċipal tal-Comune di Biancavilla fejn fid-disgħa ta' filgħaxija ġewwa l-Pjazza meastuza ta' Pjazza Roma ingħata bidu għal program ta' mużika li paxxiet lil kull min kien hemm prezenti. Ta' min wieħed isemmi li dan il-kunċert kien trasmess dirett fuq it-televizjoni Sky Oasi TV. Fl-aħħar tal-program ġew mibdula souvenirs mis-Sindku ta' Biancavilla u mill-Assistant Kummissarju Josie Brincat li kien qed jakkumpanja il-Banda f"isem il-Kummissarju.



Nhar il-Ħadd 28 ta' Awissu, għal ħabta ta' l-għaxra ta' filgħadu saret parata oħra din id-darba fit-toroq Prinċipali tal-Comune di Santa Maria di Licodia fil-waqt li f'dak is-subborg kienet qed tiġi ċċelebrata il-festa ta San Ġuzepp. Waqt din il-parata il-Banda ukoll kienet akkumpanjata f'distanza mill-Banda Associazione Musicale F. Pacini' di Santa Maria di Licodia, fejn ġew alterati marċi bejn iż-żewġ baned.



Aktar tard filgħaxija il-banda reġgħet kienet fl-istess post fejn sar marċ qasir taħt il-pavaljuni li kienu armati b'numru kbir ta bozoz żgħar u kuluriti bħal dawk li naraw ġewwa Għawdex, (minn fejn fil-fatt ittieħdet l-idea) u ftit tal-ħin wara kien imtella' program varjat ta' mużika leġġera fuq palk li kien armat apposta ġewwa Pjazza Roma. Fl-aħħar tal-program saru diskorsi mid-diversi mistiedna u reġgħaw kienu mibdula souvenirs ta' l-okkazzjoni. Wara dan il-program il-banda kienet mistiedna għall-ikla mis-Sindku ta' Santa Maria di Licodia.

Nhar it-Tnejn 29 ta' Awissu, 2005 għal-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija il-Banda tal-Korp tal-Pulizija reġgħet għamlet marċ ġewwa triq ewlenija ta' Citta di Belpasso fejn bħal ġurnata ta' qabel olterat marċi mal-banda tal-komun La Banda Musicale Citta di Belpasso, fejn spiċċat fi Pjazza San Antonio wara li ġewwa Piazza Duomo ġie esegwit kunċert mużikali ieħor. Hawnhekk il-folla ma kienetx daqshekk numeruża minħabba li ftit ħin qabel il-marċ kienet għada kemm għamlet ix-xita, iżda din ma qatgħetx qalb dawn preżenti, u oħrajn li bdew jinġabru ftit ftit. Mat-tmiem il-program qamu jgħajtu 'bravi' u 'bis' fejn għalxejn kien it-tentattiv tal-Compare li kienet għada kemm annunzjat li il-Banda kienet għajjiena wara tlett ijiem impenjattivi. Ta' unur jista' jingħad li dawn ma waqfux qabel il-banda reġgħet ħadet postha fuq il-palk u daqqet biċċa mużikali oħrajn.

Xi ħaġa li kienet innutata, u milqgħua tajjeb kienet is-souvenir programme li kellha il- Banda, fejn dan tqassam qabel kull kunċert bil-mużika li kienet ser tkun esegwita. Fi tmiem kull kunċert indaqqu iż-żewġ Innijiet Nazzjonali, dak ta' Malta u dak Taljan. Kull kunċert dejjem beda bl-Innu tal-Korp tal-Pulizija, li ta' min jgħid li hija x-xewqa ta' ħafna li xi darba jsir ukoll kliem għal dan l-Innu bħal kull innu ieħor.

Matul dawn it-tlett ijiem il-Banda tal-Korp esegwit numru ta' biċċiet mużikali li daqqet matul dawn l-aħħar għaxar snin minn mindu reġgħet ġiet iffurmata fl-1994, fosthom biċċiet bħal Free World Fantasy, Tropicana, The Prayer, Hootenanny, Sousa on Parade, Frank Sinitra in Concert, Abba Gold, Swing the Mood, Tom Jones in Concert, Russian Folk Songs, Trombones to the Fore, fejn indaqqu wkoll biċċiet ta' mużika Taljana bħal Italian Festival u Canto


D-I-Y Makeovers are fun!
• 1,200 sq.metres of walk through display area.
• Thousands of items in stock!
• Do-It-Yourself & Home Improvement products
• Specialists in timber products and furniture fittings
• D.I.Y. kitchens and a full range of accessories
• High quality products at reasonable prices
• Free advice and personal service
• Cutting and delivery service available
PM HOBBY
D.I.Y. & INDUSTRIAL SUPPLIES CENTRE
Zerafa Street, Marsa.
Tel. 21 225 360, 21 242 688.
PM HOBBY CENTRE
Open: Mon-Fri from 8a.m. - 6p.m.
Sat from 8.30a.m. - 12.30p.m.
E-mail: sales@pacemercieca.com.mt
Website: www.pacemercieca.com.mt


Wiring accessories for every style of interior
ave
www.ave.it
The very first series complying with the EN60669 AX, European Standard. It has been conceived to withstand a load with currents up to 20A, even with inductive loads.
Real wood - Brass - Chrome - Natural glass - Matt silver - Banquise white
E.S.S
Electrical Supplies & Services Limited
104, J. Sciberras Street, Hamrun. Tel: 21 255777, 21 255888 Fax: 21 255999
Email: info@ess.com.mt, sales@ess.com.mt


Snap+ Silent: The Most Silent Laminate Flooring In Its Class
KAINDL
FLOORING
s·n·a·p+
silent
M. Demajo (Timbers) Ltd, A Member of The M. Demajo Group, Olive Square, Qormi - Tel: 21 487078 Fax: 21 498404
Suppliers of Laminated, Synthetic Bamboo & Rubber Flooring.



della Terra, u biċċiet oħra li ntlaqaw tajjeb kull fejn morna ndoqqu bħal Phantom of the Opera, Highland Cathedral, u Carnival de Paris. Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni ta' l-Ispettur Anzjan Mro. Anthony Cassar.

Kien żmien memorabli ħafna u aktar milli memorabbli kien li il Banda tal-Korp għamlet unur kemm lil Korp tal-Pulizija ta' Malta kif ukoll kienet Ambaxxatur tajjeb ta' pajjizna, li għalkemm ċejknien qatt ma konna inferjuri ħdejn baned oħra, u dan ma kienx kumbinazzjoni iżda b'sagriffiċji kbar ta' training u daqq. Hija ħasra meta kultant tisma' minn sħabna stess min jgħidlek li il-Banda tmur biex tiskarta. Jekk huwa dan il-fatt, għaliex dawn in-nies ma jitgħalmux strument ħa jkunu jistaw jiskartaw ukoll. Bħal ma spegajt qabel il-Banda tal-Korp trid tkun ta' vetrina biex tirrifletti dak li huwa il-Korp tagħna, bħal ma ħafna pajjizi jagħtu lill-Banda tagħhom speċjalment meta jkunu qegħdin jagħmlu programmi ta' din ix-xorta barra minn xtuthom.



Din il-mawra kienet ħolqa oħra minn kullana twila ta' suċċessi li qed ikollha il-Banda tal-Korp matul iż-żmiem, fejn mit-twaqqif tagħha daqqet mal-Banda tal-Pulizija Russa u dik Taljana La Banda dell Arma dei Carabinieri, daqqet f'Massed Band mal-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta fl-1999 fl-okkazjoni tal-25 Anniversarju tar-Repubblika ta' Malta. Fl-2004 daqqet waqt il-Valletta Military Tattoo flimkien ma baned bħal Banda Militari Griega, il-Wessex Military Band.

Ta' min isemmi li l-banda, wara din il-mawra fil-pajjiż ġar tagħna tista' terġa tkun mistiedna sabiex iddoq f'xi pajjiż ieħor.




# Servizzi mogħtija mill-Pulizija lill-vittmi tal-kriminalita' f'Malta'

*Dan l-artiklu ġie meħud minn Working Seminar Nazzjonali li sar fil-11 ta' Novembru 2004 bit-tema Servizzi lill-Vittmi tal-Kriminalita' f'Malta organizzat mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern flimkien ma' Mid-Dlam għad-Dawl. L-artiklu ġie pprezentat mill-Ispettur George Cremona.*

Fis-sistema tal-ġustizzja kriminali, wara d-drittijiet legali li għandhom il-vittmi tal-kriminalita' mill-liġi tagħna, jiġi *r-rwol importanti tal-pulizija.* Il-ħidma tal-pulizija f'dan il-qasam jista' jinferaq f'żewġ stadji. L-ewwel stadju huwa l-kuntatt tal-bidu li l-vittma jkollha mal-pulizija u dan iseħħ meta l-vittma tir-rapporta r-reat. Il-pulizija huma ħafna drabi l-ewwel u xi kultant l-uniċi rappreżentanti tas-sistema tal-ġustizzja kriminali li magħhom il-vittma jkollha kuntatt.

Il-kuntatt tal-bidu huwa ta' importanza kbira għax jagħti forma lill-kooperazzjoni futura li l-vittma jkollha ma' oqsma oħra tas-sistema tal-ġustizzja kriminali. Il-vittmi huma ttrattati b'simpatija u b'rispett xieraq għad-dinjita tagħhom. F'dan l-ewwel kuntatt, il-vittmi jiġu informati mill-possibbiltajiet ta' għajnuna li jistgħu jsibu u, jekk ikun hemm il-ħtieġa, jiġu rreferuti lill-aġenziji governattivi għall-għajnuna professjonali.

It-tieni stadju jinvolvi l-fatt li jiġu segwiti x-xewqat tal-vittma rigward notifikazzjoni. Vittmi li jkunu jixtiequ jibqgħu informati jiġu nnotifikati li nqabdet persuna ssusspettata jew li l-pulizija ma rnexxilhiex issolvi l-każ.

Il-Victim Support tar-Renju Unit innota li:

"Huwa vitali, għalhekk,
li tingħata dejjem tifsira sħiħa
dwar il-mod kif intlaħqu
d-deċiżjonijiet, il-pożizzjoni
legali u kull evidenza,
jew in-nuqqas tagħha, li ġiet
ikkunsidrata"
*(Victim Support, 1995, 9).*

F'dawn iż-żmenijiet, rilwaqt li jibqa' aġenzija awtonoma, il-Korp tal-Pulizija ta' Malta jirrikonoxxi u jaqdi l-bżonnijiet tal-vittmi bħallikieku kienu sieħeb essenzjali ieħor tiegħu fi ħdan is-sistema. Huwa essenzjali li l-vittmi jiġu ttrattati b'mod simpatetiku, kostruttiv u rassiguranti.

L-għajnuna lill-vittmi tingħata b'diversi modi. Il-pulizija qegħdin iżommu lill-vittmi tal-kriminalita' infurmati dwar kull żvilupp li jseħħ f'rabta mal-każ partikulari tagħhom. Qiegħdin ukoll jgħinu ħalli jittieħdu lura l-affarijiet li jitteħdulhom. Il-pulizija qiegħdin iżidu l-kuntatt u 1-kooperazzjoni mal-vittmi tal-kriminalita' ħalli jnaqqsu kemm jista' jkun il-vittimizzazzjoni sekondarja, li hi għajn ta' inkwiet kbir għall-vittmi.

Ilkoll kemm aħna smajna l-preżentazzjoni li saret qabel tiegħi mill-kollega stmat tagħna Dr Joseph Giglio LL.D., li fisser l-aspetti legali li jorbtu mad-drittijiet tal-vittmi. Imma minkejja d-drittijiet legali, huwa l-qies li bih dawn id-drittijiet u applikati mal-vittma li aħna nistgħu nitkejla f'soċjeta' demokratika.

Bħalma diġa' smajtu, id-drittijiet tal-vittmi ilhom issa magħna mhux ħażin fil-Kodiċi Kriminali u fil-*Probation of Offenders Act,* imma dawn ftit taw protezzjoni u drittijiet xierqa. Id-drittijiet tal-vittmi fil-Kodiċi Kriminali tagħna jistgħu jinferqu fi tliet partijiet:

**1.** Drittijiet li għandhom il-vittmi eżatt wara li jkun seħħ ir-reat;

**2.** Drittijiet tal-vittmi l-offensur jew l-offensuri jiġu mtella' quddiem il-Qorti; u

**3.** Drittijiet li għandhom il-vittmi biex jagħmlu sotto-missjonijiet dwar is-sentenza li tista' tingħata u dwar id-deċizjoni tal-Qorti rigward restituzzjoni jew kumpens;

Li jingħataw id-drittijiet legali hija materja meħtieġa. Hija materja li jeħtieġ li jkollha ma xiex titkejjel u anki l-mekkaniżmi relattivi għall-ħarsien u l-implimentazzjoni ta' dawn id-drittijiet, kemm jekk huma legali u kemm jekk amministrattivi. Għal dan l-iskop, il-liġi pprovdiet qafas legali ta' natura amministrattiva: il-Bord tal-Pulizjia.

**Drittijiet ta' Vittmi ta' Kriminalita' li jħossu li kontrihom sar att ta' kummissjoni jew ta' ommissjoni minn xi membru tal-Korp**

Permezz tal-Liġi tal-Pulizija, Kapitlu 164, ġie stabbilit Bord tal-pulizija li jiġi maħtur mill-President ta' Malta fuq parir tal-Ministru responsabbli mill-pulizija. Il-Bord tal-Pulizija huwa indipendenti mill-Korp tal-Pulizija u waħda mill-funzjonijiet ewlenin tiegħu huwa li, minn rajh jew fuq il-bażi ta' xi lment li jsirlu jew anki fuq talba tal-Ministru, jistħarreġ u jirrapporta dwar kull ħaġa li tirrigwarda l-aġir tal-Korp jew ta' xi membru tiegħu. Fil-fatt, *l-Internal Affairs Unit* ġie uffiċjalment imwaqqaf fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ħalli jirċievi lmenti mill-membri tal-pubbliku kontra kull membru tal-Korp li ġabu rwieħhom kontra xi regolament jew kontra xi liġi. It-twaqqif tal-Bord tal-Pulizija, flimkien ma' l-Internal Affairs Unit, għandha tgħin bħat-tnaqqis fil-vittimizzazzjoni tal-persuni li jħossu li ġew aggravati minn xi ħaġa li għamel, jew m'għamilx, membru tal-Korp.

Min-naħa l-oħra, għandu jingħad li l-Korp tal-Pulizija jirċievi ħafna radd il-ħajr u ittri ta' apprezzament minn vittmi tal-kriminalita' rigward il-membri tal-Korp stess. Dawn jitqiesu lkoll meta nkunu qiegħdin naraw il-progress li nkunu għamilna fir-rigward tal-vittmi tal-kriminalita'.

**Drittijiet rikonoxxuti malli jittressaq il-każ**

L-emendi tal-Kodiċi Kriminali, li seħħew b'Att III ta' 1-2002, kif ukoll id-drittijiet li kienu diġa' jeżistu qabel fil-Kodiċi stess, saħħew id-drittijiet tal-vittmi fis-sistema tal-ġustizzja kriminali. Id-drittijiet il-ġodda favur il-vittmi li ġew promulgati bl-Att III ta' 1-2002 kienu dawn li ġejjin:

**1.** Kontra dak li kien isir qabel, il-vittma tista' tkun preżenti fil-Qorti waqt is-seduti (S.410(4) Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta)
**2.** Il-vittma tingħata notifika tal-jum

magħżul għas-smigħ ta' l-appell (S.410 Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta);

**3.** Il-vittma tista' tapplika ħalli titlob lill-Qorti Kriminali sabiex titħalla, personalment jew permezz ta' persuna legali, tagħmel sottomissjonijiet fuq is-sentenza xierqa li għandha tingħata lill-akkuiat (S.490(3) Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta);

**4.** Il-vittma tista' anki tagħmel bl-istess mod sottomissjonijiet lill-Qorti ta' l-Appell dwar is-sentenza xierqa li tista' tingħata (S.500A Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta).

*i. Drittijiet mogħtija taħt Sezzjoni 410(4) (Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta)*

Wieħed jista' jgħid mill-ewwel li l-vittma llum tinsab f'pożizzjoni legali aħjar sabiex tħares id-drittijiet tagħha u sabiex tara li ssir ġustizzja. Il-bżonnijiet u l-interessi tal-vittmi, għalhekk, qiegħdin jiġu meqjusa ħafna aħjar fl-istadji kollha tal-proċess tal-ġustizzja kriminali.

Wara li saru l-emendi, ir-rwol tal-vittma nbidel drastikament f'mod pożittiv. Ir-rwol tal-vittma m'għadux dak ta' xhud biss u li ma jistax jieħu sehem fil-proċeduri. Dan ifisser li l-vittma jista' jkun preżenti waqt il-proċeduri u għalhekk ingħata l-opportunita' li jinvolvi lilu nnifsu jew ir-rappreżentanti legali tiegħu fil-każ.

Il-vittma issa ma jattendix il-Qorti biex jitla' biss fil-kaxxa tax-xhud. Madanakollu, hemm aspetti oħra x'wieħed jagħti wkoll kas, bħal, ngħidu aħna, il-faċilitajiet li jeżistu l-qorti, l-esperjenza waqt li vittma tkun qiegħda tistenna barra l-awla u anki l-emozzjonijiet li jitqanqlu meta persuna tkun qiegħda tattendi l-qorti. Holmstrom u Burgers (1978) jisħqu fuq in-natura passiva tal-vittma fil-kaxxa tax-xhud. Hemmhekk hi tkun qiegħda twieġeb il-mistoqsijiet li jsirulha mingħajr ma tkun tista' taffettwa b'xi mod kif ikun qiegħed jiġi ttrattat il-każ tat-tbatija tagħhom mill-parteċipanti professjonali. Għalhekk, il-preżenza tal-vittma waqt il-proċeduri tal-Qorti huwa wieħed mill-modi kif id-drittijiet tagħhom jiġu mħarsa.

Dawn l-aspetti kienu espliċitament innutati fil-gwida Nru. 2 tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa, li tirrakkomanda li l-pulizija għandhom jinformaw lill-vittma dwar il-possibbilta' li jiksbu għajnuna legali. Anki gwida Nru. 9 tirrakkomanda informazzjoni simili fir-rigward tal-proċeduri tal-Qorti.

*ii. Drittijiet mogħtija taħt Sezzjoni 421 tal-Kodiċi Kriminali*

L-emendi riċenti għandhom l-iskop li jnaqqsu l-vittimizzazzjoni sekondarja. Eżempju ta' dan hija Sezzjoni 421 fejn tingħata notifika lill-vittma ħalli tkun preżenti waqt l-appell. L-inkonvenjenzi li kienu jeżistu qabel ma saru l-emendi ġew imnaqqsa u għalhekk il-vittma issa tinsab f'pożizzjoni aktar vantaġġjuża permess li jista' jkollha tagħrif dirett dwar il-proċeduri.
B'mod ġenerali, rigward id-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-vittmi f'Malta ninsabu mixjin fid-direzzjoni t-tajba. Jinħass il-bżonn li jkollna Victims' Charter jew Bill of Rights sabiex titjieb il-pożizzjoni tal-vittmi u sabiex jiġu offruti rimedji aktar. B'hekk jitnaqqsu d-diffikultajiet li bħalissa qiegħdin iħossu ċerti vittmi.

*iii. Drittijiet mogħtija taħt Sezzjoni 490(3) u 500A tal-Kodiċi Kriminali*

Dawn iż-żewġ sezzjonijiet jistgħu jitqiesu taħt kategorija waħda, għax it-tnejn jippermettu lill-vittma sabiex tipparteċipa billi tipprovdi informazzjoni jew sottomissjonijiet dwar l-effett li r-reat kellu fuq ħajjitha. Fil-fatt, it-tnejn jirreferu għall-azzjoni li l-vittma jew ir-rappreżentant legali tagħha tista' tieħu billi tesprimi lilha nnifisha dwar is-sentenza xierqa li tista' tingħata lill-akkużat fl-istadju tal-Qorti ta' l-Appell (Sezz.500A) u tal-Qorti Kriminali (Sezz.490(3)).

Rubel (1986) wera li l-effettivita fl-għoti tas-sentenza tiżdied jekk il-vittmi jitħallew jesprimu s-sentimenti tagħhom. Barra minn hekk, il-proċess ikun wieħed aktar demokratiku u jkun anki jirrifletti ir-rispons tal-komunita' għall-kriminalita'. Henderson (1985) isostni li l-parteċipazzjoni tal-vittma tipprovdi rikonoxximent tax-xewqa tal-vittma għar-rispett u l-għarfien.

**Ir-Rwol tal-Pulizija fl-għajnuna lill-vittma**

*X'kien jiġri*

Fl-imgħoddi l-għajnuna tal-pulizija kienet limitata u fqira ħafna. Ġeneralment kienet tinvolvi biss li jitqiegħed pulizija mal-postijiet li jkunu nsterqu jew xi proviżjon ċkejken ieħor, bħal, ngħidu aħna, jingħalaq il-post misruq għal billejl. Il-pulizija ftit li xejn kienu jagħmlu, u fil-fatt, ftit kien hemm x'setgħu jagħmlu, biex jgħinu l-vittma f'mument bħal dak, minħabba li joqogħdu jisimgħu l-hemm u l-għali tal-persuna.

*Il-programm tagħna*

Flimkien mal-Kunsilli Lokali, il-Pulizija bħalissa bdew inizzjattiva għall-għajnuna primarja lill-vittmi tal-kriminalita'. Dan il-proġett huwa mfassal u maħsub ħalli jagħti għajnuna primarja lill-vittmi tal-kriminalita', għajnuna, bażika bħal, ngħidu aħna, tiswija ta' bieb jew tieqa li jkunu nkissru ħtija ta' każ ta' serq jew ħsara voluntarja. Wieħed jista' jaħseb li din it-tip ta' għajnuna hija ċkejkna jew b'nuqqas ta' importanza, imma din l-għajnuna żgħira hija proprju dik li l-vittma jkollha bżonn dak il-waqt ħalli tkun tista' tlaħħaq mat-trawma psikoloġika li tkun qiegħda ġġarrab mill-vittimizzazzjoni tagħha. Il-fatt li l-pulizija u l-Kunsilli Lokali ngħaqdu flimkien hija l-ewwel ġebla fil-bini ta' relazzjoni akbar bejn il-vittma u s-sistema tal-ġustizzja kriminali. Il-vittmi ġeneralment ibatu aktar minn sitwazzjonijiet irritanti żgħar milli minn xi diffikulta kbira. Il-psikoloġi jgħarrfuna li l-ewwel trawma li l-vittmi jbatu mhijiex fil-mument li l-ħalliel jieħu miegħu l-affarijiet, imma mit-telf tas-sigurta' li l-vittma tħoss fil-mument li tirrealizza li ġiet misruqa. L-iskop tagħna huwa li ngħinu lill-vittma f'dan l-aspett, u billi ngħinuha tadatta kemm jista' jkun malajr għas-sitwazzjoni.

Proċess bħal dan huwa wieħed twil, għalkemm l-esperjenza wrietna li hu proċess li jibda bl-ewwel pass ċkejken. Il-bqija tal-kooperazzjoni tagħna mal-vittma tal-kriminalita' tul il-proċess legali kollu, bħalma fissirt hawn fuq, hija l-mogħdija li teħodna lejn il-ħolqien ta' ambjent xieraq għall-vittma filwaqt li nerfgħu r-responsabbiltajiet li għandna lejn is-soċjeta'.

Għan ewlieni fil-pjan tal-pulizija hija l-għajnuna lill-vittmi tal-kriminalita'. Fi

